KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fis-6 ta' Frar 2025 [1]

Kawża C-492/23

X
vs
Russmedia Digital SRL,
Inform Media Press SRL

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Cluj (il-Qorti tal-Appell ta' Cluj, ir-Rumanija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Kummerċ elettroniku – Id-Direttiva 2000/31/KE – Protezzjoni tad-data personali – Ir-Regolament (UE) 2016/679 – Responsabbiltà ta' intermedjarji li jipprovdu servizz – Fornitur ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li huwa wkoll kontrollur tad-data personali – Responsabbiltà – Portata"

I. Daħla

1. Id-domandi preliminari f'din il-kawża jirrigwardaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/31/KE [2] u tar-Regolament (UE) 2016/679 [3].

2. Dawn id-domandi joriġinaw minn tilwima bejn persuna fiżika u l-operatur ta' suq online li fuqu ġie ppubblikat reklam, mingħajr il-kunsens ta' din il-persuna, li jindika li din kienet toffri servizzi sesswali. Il-partikolarità ta' din il-kawża tinsab fil-fatt li r-reklam inkwistjoni kien fih data personali.

3. Permezz tad-domandi tagħha li jirrigwardaw il-GDPR, il-qorti tar-rinviju tfittex li tiddetermina f'dan ir-rigward, minn naħa, jekk l-operatur ta' suq online bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali naqasx milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt dan ir-regolament u, min-naħa l-oħra, jekk tali operatur jistax jibbenefika mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1)

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399).

[3] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2, iktar 'il quddiem il-"GDPR").

tad-Direttiva 2000/31 fir-rigward ta' reklam ippubblikat fuq dan is-suq online. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari għalhekk tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tiddeċiedi dwar ir-relazzjoni bejn is-sistemi stabbiliti minn dawn iż-żewġ atti tad-dritt tal-Unjoni.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Id-Direttiva 2000/31

4. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/31, intitolat "Għan u qasam ta' applikazzjoni", jipprovdi, fil-paragrafu 5 tiegħu, b'mod partikolari, li din ma għandhiex tapplika fil-"kwistjonijiet li jirrigwardaw servizzi minn [tas-]soċjetà ta' l-informazzjoni koperti bid-Direttivi 95/46/KE [4] u 97/66/KE [5]".

5. L-Artikoli 12, 13 u 14 ta' din id-direttiva, li jinsabu fit-Taqsima 4, intitolata "Responsabbiltà ta' intermedjarji li jipprovdu servizz", tal-Kapitolu II tagħha, intitolat "Prinċipji", jirrigwardaw fornitur ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li jeżerċita, rispettivament, attività ta' sempliċi konduttur (iktar 'il quddiem "mere conduit"), forma ta' ħażna msejħa "caching" jew attività ta' hosting. Dawn id-dispożizzjonijiet jiddeterminaw ukoll il-kundizzjonijiet li taħthom tali forniturі huma eżentati mir-responsabbiltà għall-informazzjoni li toriġina mill-utenti tas-servizzi tagħhom.

6. Skont l-Artikolu 14(1) tal-imsemmija direttiva, intitolat "Hosting":

"Meta servizz għas-soċjetà ta' l-informazzjoni jkun provdut li jikkonsisti fiż-żamma ta' informazzjoni ipprovduta minn dak li jirċievi s-servizz, Stati Membri għandhom jassiguraw li dak li jipprovdi s-servizz ma jkunx responsabbli għall-informazzjoni miżmuma fuq it-talba ta' dak li jirċievi s-servizz, bil-kundizzjoni li:

(a) dak li jipprovdi [il-fornitur] attwalment ma jkollux tagħrif [konjizzjoni] ta' attività jew informazzjoni illegali u, fir-rigward ta' ħsarat [danni], ma jkunx konxju tal-fatti jew taċ-ċirkostanzi li minnhom l-attività jew l-informazzjoni illegali tkun apparenti;

jew

(b) dak li jipprovdi, malli jakkwista t-tagħrif jew meta jsir konxju, jaġixxi mingħajr dewmien biex ineħħi jew iwaqqaf l-aċċess għall-informazzjoni."

7. L-Artikolu 15 tal-istess direttiva, intitolat "L-ebda obbligu ġenerali li jsir monitoraġġ", jipprevedi:

"1. L-Istati Membri m'għandhomx jimponu obbligu ġenerali fuq dawk li jipprovdu [il-forniturі], meta jipprovdu s-servizzi koperti mill-Artikoli 12, 13 u 14, li jagħmlu monitoraġġ ta'

4 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).

5 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-ħajja privata fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet (ĠU 1998, L 24, p. 1).

l-informazzjoni li huma jittrasmettu jew iżommu, l-anqas obbligu ġenerali biex ikunu mfittxija fatti jew ċirkostanzi li jindikaw attività illegali.

2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu obbligi għal dawk li jipprovdu servizzi minn [ta'] soċjetà ta' l-informazzjoni, li malajr kemm jista' jkun jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti pubbliċi dwar l-allegati attivitajiet illegali jew informazzjoni provduta minn dawk li jirċievu s-servizz tagħhom, jew obbligi li jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti, fuq talba tagħhom stess, informazzjoni li tiffaċilita l-identifikazzjoni ta' dawk li jirċievu s-servizz tagħhom li magħhom ikollhom ftehim għaż-żamma."

2. Il-GDPR

8. L-Artikolu 2 tal-GDPR, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni materjali [*ratione materiae*]", jipprovdi, fil-paragrafu 4 tiegħu:

"Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-[Direttiva 2000/31], b'mod partikolari tar-regoli dwar ir-responsabbiltà ta' fornituri ta' servizzi intermedjarji fl-Artikoli 12 sa 15 ta' dik id-Direttiva."

9. L-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, intitolat "Definizzjonijiet", huwa fformulat kif ġej:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

[…]

(7) 'kontrollur' tfisser persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew kwalunkwe korp ieħor li, waħdu jew flimkien ma' oħrajn, jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ta' data personali; fejn l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ikunu ddeterminati mil-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, il-kontrollur jew il-kriterji speċifiċi għall-ħatra tiegħu jistgħu jiġu determinati mil-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru;

(8) 'proċessur' tfisser persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew korp ieħor li jipproċessa *data* personali f'isem il-kontrollur;

[…]

(11) 'kunsens' tas-suġġett tad-data tfisser kwalunkwe indikazzjoni tax-xewqat tas-suġġett tad-data mogħtija b'mod liberu, speċifika, infurmata u mhux ambigwa li permezz tagħha s-suġġett tad-data, permezz ta' dikjarazzjoni jew permezz ta' azzjoni affermattiva ċara, juri li jaqbel mal-ipproċessar ta' data personali relatata miegħu;

[…]"

10. L-Artikolu 5 tal-imsemmi regolament, intitolat "Prinċipji relatati mal-ipproċessar ta' data personali", jipprevedi:

"1. Id-data personali għandha:

(a) tkun ipproċessata legalment, ġustament [b'mod leali] u b'mod trasparenti fir-rigward tas-suġġett tad-data ('legalità, ġustizzja [lealtà] u trasparenza');

(b) tinġabar għal finijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi u ma għandhiex tiġi pproċessata ulterjorment b'mod inkompatibbli ma' dawk il-finijiet […] ('limitazzjoni tal-fini');

[…]

(f) tiġi pproċessata b'mod li jiżgura sigurtà xierqa tad-data personali, inkluża l-protezzjoni mill-ipproċessar mhux awtorizzat jew illegali u kontra t-telf, il-qerda jew il-ħsara aċċidentali, bl-użu ta' miżuri tekniċi jew organizzattivi xierqa ('integrità u kunfidenzjalità').

2. Il-kontrollur għandu jkun responsabbli għall-konformità mal-paragrafu 1 u jkun kapaċi juriha ('responsabbiltà')."

11. L-Artikolu 6 tal-istess regolament, intitolat "Legalità tal-ipproċessar", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-ipproċessar għandu jkun legali biss jekk u safejn mill-inqas ikun japplika wieħed mill-punti li ġejjin:

(a) is-suġġett tad-data jkun ta l-kunsens għall-ipproċessar ta' data personali tiegħu għal fini speċifiku wieħed jew aktar;

[…]"

12. L-Artikolu 7 tal-GDPR, intitolat "Kondizzjonijiet għal kunsens", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Fejn l-ipproċessar ikun ibbażat fuq il-kunsens, il-kontrollur għandu jkun jista' juri li s-suġġett tad-data ta kunsens għall-ipproċessar tad-data personali tiegħu."

13. L-Artikoli 24 sa 26 ta' dan ir-regolament jinsabu fit-Taqsima 1, intitolata "Obbligi ġenerali", tal-Kapitolu IV tiegħu, li min-naħa tiegħu huwa intitolat "Kontrollur u proċessur".

14. L-Artikolu 24 tal-imsemmi regolament, intitolat "Responsabbiltà tal-kontrollur", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"B'kont meħud tan-natura, l-ambitu, il-kuntest, u l-għanijiet tal-ipproċessar kif ukoll ir-riskji ta' probabbiltà u gravità li jvarjaw għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi, il-kontrollur għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi adatti biex jiżgura u jkun jista' juri li l-ipproċessar isir f'konformità ma' dan ir-Regolament. Dawk il-miżuri għandhom jiġu rieżaminati u aġġornati fejn meħtieġ."

15. L-Artikolu 25 tal-istess regolament, intitolat "Protezzjoni ta' data mid-disinn u b'mod awtomatiku", jistabbilixxi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Wara li jikkunsidra l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, l-ispejjeż tal-implimentazzjoni u n-natura, l-ambitu, il-kuntest u l-finijiet tal-ipproċessar kif ukoll ir-riskji ta' probabbiltà u gravità li jvarjaw għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi kkawżati mill-ipproċessar, il-kontrollur għandu, kemm fiż-żmien tad-determinazzjoni tal-mezzi għall-ipproċessar kif ukoll fiż-żmien tal-ipproċessar innifsu, jimplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa, bħall-psewdonimizzazzjoni, li huma maħsuba biex jimplimentaw il-prinċipji tal-protezzjoni

tad-data, bħalma hija l-minimizzazzjoni tad-data, b'mod effettiv u biex jintegraw is-salvagwardji meħtieġa fl-ipproċessar sabiex jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u jipproteġi d-drittijiet tas-suġġetti tad-data.

2. Il-kontrollur għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi adatti biex jiżgura li, b'mod awtomatiku, tiġi pproċessata biss data personali li mhijiex meħtieġa għal kull għan speċifiku tal-ipproċessar. Dak l-obbligu japplika għall-ammont ta' data personali miġbura, il-livell ta' pproċessar tagħha, il-perijodu tal-ħażna tagħha u l-aċċessibbiltà tagħha. B'mod partikolari, tali mekkaniżmi għandhom jiżguraw li b'mod awtomatiku d-data personali ma ssirx aċċessibbli mingħajr l-intervent tal-individwu għal numru indefinit ta' persuni fiżiċi."

16. L-Artikolu 26 tal-GDPR, intitolat "Kontrolluri konġunti", jippreċiża, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Fejn żewġ kontrolluri jew aktar jiddeterminaw flimkien l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar, huma għandhom ikunu kontrolluri konġunti. Huma għandhom b'mod trasparenti jistabbilixxu r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom għall-konformità mal-obbligi taħt dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġett tad-data u l-kompiti rispettivi tagħhom biex jipprovdu l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 13 u 14, permezz ta' arranġament bejniethom ħlief jekk, u sa fejn, ir-responsabbiltajiet rispettivi tal-kontrolluri jkunu stabbiliti bil-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru li għalihom il-kontrolluri jkunu soġġetti. L-arranġament jista' jaħtar punt ta' kuntatt għas-suġġetti tad-data."

B. Id-dritt Rumen

17. L-Artikolu 11 tal-Legea nr. 365/2002 privind comerțul electronic (il-Liġi Nru 365/2002 dwar il-Kummerċ Elettroniku), tas-7 ta' Ġunju 2002[6], kif emendata bil-Legea nr. 121/2006 pentru modificarea și completarea nr 365/2002 privind comerțul electronic (il-Liġi Nru 121/2006 li temenda u tissupplimenta l-Liġi Nru 365/2002 dwar il-kummerċ elettroniku), tal-4 ta' Mejju 2006[7] (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 365/2002"), jipprevedi:

"1. Il-fornituri ta' servizzi huma suġġetti għad-dispożizzjonijiet legali fil-qasam tar-responsabbiltà ċivili, kriminali u għal reat amministrattiv, sakemm din il-liġi ma tipprovdix mod ieħor.

2. Il-fornituri ta' servizzi huma responsabbli għall-informazzjoni pprovduta minnhom stess jew f'isimhom.

3. Il-fornituri ta' servizzi ma għandhomx ikunu responsabbli għall-informazzjoni trażmessa, maħżuna jew li għaliha huma jagħtu aċċess skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 12 sa 15."

6 *Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 483 tal-5 ta' Lulju 2002.

7 *Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 403 tal-10 ta' Mejju 2006.

18. L-Artikolu 14 ta' din il-liġi, intitolat "Żamma permanenti tal-informazzjoni, hosting", jipprovdi:

"1. Meta servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni jikkonsisti fil-ħażna ta' informazzjoni pprovduta mir-riċevitur ta' dan is-servizz, il-fornitur ta' dan is-servizz ma għandux ikun responsabbli għall-informazzjoni maħżuna fuq it-talba ta' riċevitur jekk xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tkun issodisfatta:

(a) il-fornitur tas-servizzi ma jkunx konxju tal-illegalità tal-attività jew tal-informazzjoni maħżuna u, fir-rigward ta' talba għad-danni, ma jkunx konxju tal-fatti jew taċ-ċirkustanzi li minnhom jirriżulta li l-attività jew l-informazzjoni inkwistjoni tista' tippreġudika d-drittijiet ta' terz;

(b) jekk ikun konxju tal-illegalità tal-attività jew tal-informazzjoni kkonċernata jew tal-fatti jew taċ-ċirkustanzi li minnhom jirriżulta li l-attività jew l-informazzjoni inkwistjoni tista' tikser id-drittijiet ta' terz, il-fornitur tas-servizzi għandu jaġixxi mingħajr dewmien sabiex iħassarha jew iwaqqaf l-aċċess għaliha.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw meta r-riċevitur jaġixxi taħt l-awtorità jew taħt il-kontroll tal-fornitur tas-servizzi.

3. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu la għandhom jaffettwaw il-possibilità li awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva teżiġi li l-fornitur tas-servizzi jwaqqaf il-ksur tad-data jew jipprevjeni tali ksur, u lanqas il-possibbiltà li jiġu stabbiliti proċeduri tal-gvern intiżi li jillimitaw jew li jinterrompu l-aċċess għall-informazzjoni."

III. Il-fatti li taw lok għat-tilwima fil-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

19. Russmedia Digital SRL (iktar 'il quddiem "Russmedia"), kumpannija rregolata mid-dritt Rumen, hija s-sid tas-suq online www.publi24.ro li fih jistgħu jiġu ppubblikati, mingħajr ħlas jew bi ħlas, reklami li jikkonċernaw, b'mod partikolari, il-bejgħ ta' oġġetti jew il-provvista ta' servizzi li joriġinaw minn postijiet differenti fir-Rumanija.

20. Fl-1 ta' Awwissu 2018, persuna mhux identifikata ppubblikat fuq dan is-suq online reklam li l-kontenut tiegħu kien derogatorju u offensiv fir-rigward tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, sa fejn fih kien indikat li din tal-aħħar kienet toffri servizzi sesswali (iktar 'il quddiem ir-"reklam kontenzjuż"). Dan ir-reklam kien jinkludi ritratti tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, użati mingħajr il-kunsens tagħha, li oriġinaw mill-kont li hija kellha legalment fuq network soċjali, kif ukoll in-numru tat-telefon tagħha. Ma saret l-ebda verifika dwar l-identità tal-persuna li tellgħet dan ir-reklam qabel il-pubblikazzjoni tiegħu. Wara li ġiet ikkuntattjata mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, Russmedia neħħiet l-imsemmi reklam mis-suq online tagħha f'inqas minn siegħa. Madankollu, l-istess reklam tqiegħed online, b'indikazzjoni tas-sors oriġinali, minn siti oħra fuq l-internet b'kontenut ta' reklamar, fejn għadu aċċessibbli.

21. Peress li qieset li r-reklam kontenzjuż kien jikser id-drittijiet tagħha, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentat rikors kontra Russmedia.

22. Il-Judecătoria Cluj-Napoca (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Cluj-Napoca, ir-Rumanija) laqgħet dan ir-rikors u, abbażi tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili[8], ikkundannat lil Russmedia tħallas lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ammont ta' EUR 7 000 għad-dannu morali kkawżat lilha minħabba l-ksur tad-dritt tagħha għall-preżentazzjoni personali, għall-unur u għar-reputazzjoni, minħabba l-ksur tad-dritt tagħha għar-rispett tal-ħajja privata kif ukoll minħabba l-ipproċessar mhux konformi ta' data personali. Fil-fatt, dik il-qorti qieset li r-reklam kontenzjuż kien jikkostitwixxi ksur tal-obbligi imposti fuq Russmedia mill-GDPR. L-imsemmija qorti qieset li l-fatt li Russmedia awtorizzat il-pubblikazzjoni u sussegwentement ix-xandir online ta' dan ir-reklam kien ippreġudika serjament id-drittijiet tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali.

23. It-Tribunalul Specializat Cluj (il-Qorti Speċjalizzata ta' Cluj, ir-Rumanija) laqgħet l-appell ippreżentat minn Russmedia, billi ddeċidiet li r-rikors tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma kienx fondat minħabba li din il-kumpannija ma kinitx l-awtur tar-reklam kontenzjuż. Dik il-qorti qieset li Russmedia kienet tipprovdi biss servizz ta' ħażna tar-reklami, mingħajr ma kienet involuta b'mod attiv "fir-rigward tal-kontenut" tagħhom u li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, l-eżenzjoni mir-responsabbiltà, prevista fl-Artikolu 14(1) tal-Liġi Nru 365/2002, kienet applikabbli.

24. Fil-fatt, skont il-qorti tal-appell, Russmedia neħħiet ir-reklam kontenzjuż mis-suq online tagħha inqas minn siegħa wara li ġiet ikkuntattjata mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali. Dik il-qorti qieset li Russmedia kienet eżentata mir-responsabbiltà tagħha għad-danni mitluba peress li din il-kumpannija ma kinitx l-awtur tar-reklam ikkonċernat u li hija kienet imblokkatu, fid-dawl tal-Artikolu 11(3) u tal-Artikolu 14(1)(b) tal-Liġi Nru 365/2002, meta saret konxja li dan x'aktarx kien jippreġudika d-drittijiet tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali.

25. Fir-rigward tal-obbligu tal-kontrollur li jivverifika, qabel il-pubblikazzjoni ta' reklam, jekk l-awtur tiegħu għandux id-dritt li juża d-data personali li tinsab fih, il-qorti tal-appell sussegwentement qieset li l-Artikolu 11 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni tal-Liġi Nru 365/2002, li jipprovdi li fornitur ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni ma huwiex obbligat jikkontrolla l-informazzjoni maħżuna[9], kien applikabbli.

26. Fl-aħħar nett, il-qorti tal-appell ikkunsidrat li Russmedia ma tistax tiġi kkritikata li ma ħaditx miżuri sabiex tipprevjeni x-xandir online tar-reklam kontenzjuż. Fil-fehma tagħha, is-servizz ipprovdut kien jikkonsisti fil-pubblikazzjoni ta' dan ir-reklam u l-miżuri intiżi sabiex jimblokkaw l-aċċess tal-pubbliku għalih ittieħdu malli r-rikorrenti fil-kawża prinċipali avżat lil Russmedia. Konsegwentement, dik il-qorti qieset li l-Liġi Nru 365/2002, li teżenta lil din il-kumpannija mir-responsabbiltà tagħha għad-danni morali kkawżati mill-kontenut tar-reklami ppubblikati fuq is-sit www.publi24.ro mill-utenti, kienet applikabbli f'dan il-każ.

27. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentat appellat minn din id-deċiżjoni quddiem il-Curtea de Apel Cluj (il-Qorti tal-Appell ta' Cluj, ir-Rumanija), il-qorti tar-rinviju.

[8] Minkejja li din id-dispożizzjoni ma hijiex riprodotta fid-deċiżjoni tar-rinviju, hija tistabbilixxi l-motivi ta' difiża għall-persuna li d-drittijiet mhux patrimonjali tagħha ġew miksura jew mhedda. Tali persuna tista' tfittex rimedju legali, b'mod partikolari, billi titlob kumpens għad-danni jew, skont il-każ, kumpens patrimonjali għad-dannu li jkun ġie kkawżat lilha jekk dan ikun imputabbli lill-awtur tal-fatt dannuż.

[9] Ir-Regoli ta' Implimentazzjoni tal-Liġi Nru 365/2002 ġew approvati bil-Hotărârea Guvernului nr. 1.308/2002 (id-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 1 308) u jikkostitwixxu att amministrattiv ta' natura regolatorja. L-Artikolu 11(1) ta' din id-deċiżjoni jipprevedi li "[l]-forniturі ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li jfornu s-servizzi msemmija fl-Artikoli 12 sa 15 tal-[Liġi Nru 365/2002] la huma obbligati li jikkontrollaw l-informazzjoni li jittrażmettu jew li jaħżnu u lanqas ma huma obbligati li jfittxu b'mod attiv data relatata ma' attivitajiet jew informazzjoni apparentement illegali fil-qasam tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li huma jipprovdu".

28. Fil-kuntest tal-appell tagħha, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ssostni, b'mod partikolari, li l-Liġi Nru 365/2002 ma hijiex *lex specialis* fir-rigward tal-GDPR u li, għaldaqstant, il-qorti tal-appell kellha teżamina r-responsabbiltà ta' Russmedia fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

29. Barra minn hekk, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tindika li r-rwol ta' Russmedia ma kienx limitat għall-provvista, lill-klijenti, tal-mezz tekniku speċifiku ta' aċċess għas-server tal-hosting. Fil-fehma tagħha, din il-kumpannija kellha wkoll rwol ta' amministratur, li jintervjeni fil-livell tal-kontenut tar-reklami, bl-għan li tiġi żgurata l-amministrazzjoni tajba tal-informazzjoni. L-imsemmija kumpannija, bħala l-amministratur tas-sit internet inkwistjoni, taħżen u tipproċessa l-kontenut tal-informazzjoni. L-ipproċessar u l-ħażna tad-data kif ukoll it-tqegħid tagħha għad-dispożizzjoni tal-pubbliku f'xi forma partikolari jimplikaw kemm analiżi tad-data u tal-informazzjoni li tinsab fir-reklami kif ukoll il-ġestjoni tagħha, neċessarja sabiex jiġi ggarantit aċċess faċli għall-pubbliku, u dan jindika involviment dirett ta' din il-kumpannija. Konsegwentement, l-Artikolu 14 tal-Liġi Nru 365/2002 ma huwiex applikabbli f'dan il-każ. Barra minn hekk, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tqis li l-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista f'din id-dispożizzjoni ma tapplikax jekk tkun stabbilita ir-responsabbiltà skont atti regolatorji oħra, bħall-GDPR, li, fil-fehma tagħha, huwa l-każ hawnhekk.

30. Il-qorti tar-rinviju laqgħet l-appell, peress li qieset li l-qorti tal-appell ma kinitx eżaminat l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, annullat fil-kassazzjoni s-sentenza appellata u żammet il-kawża bl-għan li tingħata sentenza ġdida fl-appell.

31. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tindika li, fil-fehma tagħha, l-operaturi ta' swieq online ma għandhomx l-obbligu li jwettqu verifika minn qabel tar-reklami ppubblikati mill-utenti. Madankollu, hija tirrileva li, skont is-sentenza L'Oréal *et* [10], huwa biss operatur ta' suq online li ma jkollux rwol attiv, li jikkonsisti fl-għoti ta' assistenza sabiex tittejjeb il-preżentazzjoni tal-offerti għall-bejgħ jew sabiex tali offerta tiġi promossa, li jista' jinvoka l-eżenzjoni mir-responsabbiltà, prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31. Barra minn hekk, konformement ma' dik is-sentenza [11], operatur ta' suq online ma jistax jinvoka din l-eżenzjoni mir-responsabbiltà jekk issir konxja ta' fatti jew ta' ċirkustanzi li abbażi tagħhom operatur ekonomiku diliġenti kellu jikkonstata l-illegalità tal-offerti għall-bejgħ inkwistjoni u, fl-ipoteżi ta' tali konjizzjoni, ma aġixxiex fil-pront. F'dan is-sens, skont is-sentenza Papasavvas [12], kumpannija pubblikatriċi tal-istampa li għandha sit internet li fuqu tiġi ppubblikata l-verżjoni elettronika ta' gazzetta lanqas ma tista' tinvoka l-imsemmija eżenzjoni mir-responsabbiltà meta jkollha konjizzjoni tal-informazzjoni ppubblikata u teżerċita kontroll fuqha.

32. Il-qorti tar-rinviju tindika li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi biss għal offerti mqiegħda online li l-illegalità tagħhom tirriżulta mill-analiżi tal-fatti u taċ-ċirkustanzi li jkunu ġew espressament ikkomunikati lill-kontrollur wara l-pubblikazzjoni tar-reklam inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma kellha l-okkażjoni li teżamina sitwazzjoni bħal dik li hija s-suġġett ta' din il-kawża. Fil-fatt, l-ispeċifiċità tal-kawża prinċipali tirrigwarda l-fatt li l-kontenut tar-reklam ippubblikat minn utent mhux identifikat fil-mument meta tressqet il-kawża quddiem il-qorti kien manifestament illegali u dannuż ħafna għall-persuna kkonċernata. Għalhekk, skont il-qorti tar-rinviju, il-komunikazzjoni lill-kontrollur ma kinitx neċessarja sabiex tittieħed azzjoni u tiġi analizzata l-eventwali natura illegali tal-informazzjoni ppubblikata.

[10] Sentenza tat-12 ta' Lulju 2011, (C-324/09, iktar 'il quddiem is-"sentenza L'Oréal *et*", EU:C:2011:474, punt 116).

[11] Ara s-sentenza L'Oréal *et* (punt 124).

[12] Sentenza tal-11 ta' Settembru 2014 (C-291/13, EU:C:2014:2209, punt 46).

33. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li r-reklam kontenzjuż, minkejja li tħassar mis-sit ta' Russmedia, li fuqu dan kien ġie ppubblikat inizjalment, wara l-komunikazzjoni tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, ġie riprodott fl-intier tiegħu minn diversi siti internet oħra, bid-data u r-ritratti kollha tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, bl-indikazzjoni tas-sors inizjali, mingħajr miżuri ta' protezzjoni fir-rigward tad-data personali. Id-dannu għalhekk sar dannu permanenti u għadu jseħħ bħalissa.

34. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tirrileva li s-servizzi sesswali msemmija fir-reklam kontenzjuż u allegatament offruti mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jistgħu jiġu assoċjati ma' reati serji, punibbli mill-Kodiċi Kriminali, bħall-isfruttament tal-prostituzzjoni u t-traffikar tal-bnedmin.

35. Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, fid-dawl tat-termini u tal-kundizzjonijiet tal-użu tas-suq online tagħha, Russmedia ma tidhirx li hija sempliċi utent passiv tad-data. Fil-fatt, għalkemm din il-kumpannija ma teżiġix dritt għall-proprjetà fuq il-kontenut ipprovdut jew imtella', imniżżel jew mibgħut, hija madankollu żżomm id-dritt li tuża l-materjal, inkluż li tikkuppjah, li tiddistribwixxih, li tittrażmettih, li tippubblikah, li tirriproduċih, li temendah, li tittraduċih, li tittrasferixxih lil imsieħba u li tħassru fi kwalunkwe ħin, anki mingħajr ebda raġuni valida għal dan l-għan.

36. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Curtea de Apel Cluj (il-Qorti tal-Appell ta' Cluj), permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Ġunju 2023, li waslet għand il-Qorti tal-Ġustizzja fit-3 ta' Awwissu 2023, iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikoli 12 sa 14 tad-[Direttiva 2000/31] japplikaw ukoll għal fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni tal-hosting li jipprovdi lill-utenti sit li fuqu jistgħu jiġu ppubblikati reklami mingħajr ħlas jew bi ħlas, li jafferma li r-rwol tiegħu fil-pubblikazzjoni tar-reklami tal-utenti huwa purament tekniku (il-provvista tal-pjattaforma), iżda li, fit-termini u fil-kundizzjonijiet tal-użu tas-sit, jindika li, għalkemm ma jippretendix li għandu [jeżiġix] dritt għall-proprjetà fuq il-kontenut ipprovdut jew ipprovdut għal pubblikazzjoni, imniżżel jew mibgħut, madankollu huwa jżomm id-dritt li juża l-kontenut, inkluż li jikkopjah, li jqassmu, li jittrażmettih, li jippubblikah, li jirriproduċih, li jimmodifikah, li jittraduċih, li jittrasferih lil imsieħba u li jħassru fi kwalunkwe ħin, mingħajr lanqas ma jkun jeħtieġ raġuni sabiex jagħmel dan?

2) L-Artikolu 2(4), il-punti 7 u 11 tal-Artikolu 4, l-Artikolu 5(1)(f), l-Artikolu 6(1)(a) u l-Artikoli 7, 24 u 25 ta[l-GDPR] kif ukoll l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2000/31 għandhom jiġu interpretati fis-sens li tali fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni tal-hosting, li huwa responsabbli għall-ipproċessar ta' data personali, huwa obbligat li jivverifika, qabel ma jippubblika reklam, jekk il-persuna li tipprovdi l-materjal għar-reklam u d-detentur tad-data personali msemmija fir-reklam humiex l-istess persuna?

3) L-Artikolu 2(4), il-punti 7 u 11 tal-Artikolu 4, l-Artikolu 5(1)(f), l-Artikolu 6(1)(a) u l-Artikoli 7, 24 u 25 tar-Regolament 2016/679 kif ukoll l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2000/31 għandhom jiġu interpretati fis-sens li tali fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni tal-hosting, li huwa responsabbli għall-ipproċessar ta' data personali, huwa obbligat li l-ewwel jivverifika l-kontenut tar-reklami mibgħuta mill-utenti sabiex ineħħi dawk li jistgħu jkunu ta' natura illegali jew li jistgħu jippreġudikaw il-ħajja privata u tal-familja ta' persuna?

4) L-Artikolu 5(1)(b) u (f) u l-Artikoli 24 u 25 tar-Regolament 2016/679 kif ukoll l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2000/31 għandhom jiġu interpretati fis-sens li tali fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni tal-hosting, li huwa responsabbli għall-ipproċessar ta' data personali, huwa obbligat li jimplimenta miżuri ta' sigurtà ta' natura li jipprevjenu jew jillimitaw l-ikkopjar u d-distribuzzjoni mill-ġdid tal-kontenut tar-reklami ppubblikati permezz tal-pjattaforma tiegħu?"

37. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mill-Gvern Rumen u mill-Kummissjoni Ewropea. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u l-Kummissjoni kienu rrappreżentati waqt is-seduta li nżammet fit-2 ta' Lulju 2024.

IV. Analiżi

38. L-ewwel domanda hija intiża li tistabbilixxi jekk Russmedia tistax tinvoka l-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31, filwaqt li t-tieni sar-raba' domanda jirrigwardaw il-kwistjoni dwar jekk din il-kumpannija kisritx l-obbligi tagħha taħt il-GDPR.

39. Fil-passat, il-Qorti indikat li l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31, li huwa s-suġġett tal-ewwel domanda, għandu l-għan li jillimita l-każijiet fejn, konformement mad-dritt nazzjonali applikabbli f'dan il-qasam, il-forniturі ta' servizzi intermedjarji jistgħu jinżammu responsabbli [13]. Jiena tal-fehma li, fid-dawl tal-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni f'dan il-qasam, l-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista f'din id-dispożizzjoni hija maħsuba li tapplika wkoll meta fornitur jitqies responsabbli abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni jew tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponuh [14].

40. Id-deċiżjoni tar-rinviju tagħti x'tifhem li, fit-tilwima fil-kawża prinċipali, Russmedia tista' tkun responsabbli għal ksur tal-GDPR [15]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jista' jidher li huwa *a priori* aħjar li l-ewwel jiġu analizzati t-tieni sar-raba' domanda, li permezz tagħhom il-qorti tar-rinviju tfittex li tistabbilixxi jekk Russmedia naqsitx milli tissodisfa l-obbligi tagħha taħt il-GDPR. Madankollu, għall-finijiet taċ-ċarezza tal-analiżi, ser neżamina d-domandi fl-ordni li fiha saru. Għalhekk, qabelxejn ser nanalizza l-problema mqajma mid-deċiżjoni tar-rinviju mill-perspettiva tad-Direttiva 2000/31, imbagħad ser ngħaddi għall-eżami ta' din il-problema mill-perspettiva tal-GDPR. Fl-aħħar nett, fl-aħħar parti tal-analiżi tiegħi, ser neżamina l-interazzjonijiet bejn dan ir-regolament u din id-direttiva.

41. Fil-fatt, id-domandi preliminari kollha jikkonċernaw il-kwistjoni iktar fundamentali tar-rabta bejn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/31 u dawk tal-GDPR. Ser neżamina din il-kwistjoni wara li nidentifika d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawn iż-żewġ atti tad-dritt tal-Unjoni, peress li l-klassifikazzjonijiet legali, skont il-kategoriji previsti minnhom, jinsabu fil-qalba tal-erba' domandi preliminari.

[13] Ara s-sentenza tat-23 ta' Marzu 2010, Google France u Google (C-236/08 sa C-238/08, EU:C:2010:159, punt 107).

[14] Ara, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' traspożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, Wilman, F., *The Responsibility of Online Intermediaries for Illegal User Content in the EU and the US*, Edward Elgar, Cheltenham – Northampton, 2020, p. 18, punt 2.18. Ara wkoll, fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni bħala tali, il-premessa 17 tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU 2022, L 277, p. 1) (iktar 'il quddiem id-"Digital Services Act").

[15] Fil-fatt, skont il-qorti tal-ewwel istanza, l-illegalità tal-aġir attribwit lil Russmedia kienet tirriżulta minn ksur tal-GDPR. Bl-istess mod, id-dibattitu bejn il-partijiet quddiem il-qorti tat-tieni istanza u l-qorti tar-rinviju jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk jistax jiġi invokat l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 sabiex fornitur jiġi eżentat mir-responsabbiltà tiegħu għal ksur ta' dan ir-regolament. Ara l-punt 28 ta' dawn il-konklużjonijiet.

A. Fuq l-ewwel domanda

42. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 għandux jiġi interpretat fis-sens li fornitur ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jikkonsisti fit-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-utenti ta' suq online li fuqu jistgħu jiġu ppubblikati reklami mingħajr ħlas jew bi ħlas jista' jibbenefika mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà, prevista f'din id-dispożizzjoni, anki meta dan il-fornitur jindika, fit-termini u fil-kundizzjonijiet għall-użu tas-suq online tiegħu, li, għalkemm ma jeżiġix dritt għall-proprjetà fuq il-kontenut, huwa madankollu jżomm id-dritt li juża l-kontenut ipprovdut, imtella', imniżżel jew mibgħut, inkluż li jikkuppjah, li jqassmu, li jittrażmettih, li jippubblikah, li jirriproduċih, li jimmodifikah, li jittraduċih, li jittrasferih lil imsieħba u li jħassru fi kwalunkwe ħin, mingħajr lanqas ma jkun jeħtieġ raġuni sabiex jagħmel dan.

43. Għalhekk ser nanalizza din id-domanda (it-Taqsima 1) li, essenzjalment, hija intiża sabiex tiddetermina jekk Russmedia tistax tiġi kklassifikata bħala "intermedjarju li jipprovdi servizz" li jista', *a priori*, jinvoka l-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31. Sa fejn il-qorti tar-rinviju tidher ukoll li tesprimi dubji dwar jekk, fid-dawl tal-ispeċifiċità tal-kawża prinċipali, il-kundizzjonijiet li għalihom din id-dispożizzjoni tissuġġetta l-eżenzjoni mir-responsabbiltà f'każ konkret humiex issodisfatti f'dan il-każ, ser nanalizza wkoll din il-kwistjoni għal finijiet ta' kompletezza (it-Taqsima 2).

1. Fuq il-kunċett ta' "intermedjarju li jipprovdi servizz"

a) Il-portata u l-premessi tad-domanda

44. Jidhirli li huwa importanti li jiġu enfasizzati kemm il-premessa li fuqha hija bbażata l-ewwel domanda kif ukoll il-portata tagħha.

45. F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, kif diġà semmejt [16], l-Artikoli 12, 13 u 14 tad-Direttiva 2000/31 jipprevedu eċċezzjonijiet ta' responsabbiltà applikabbli meta s-servizzi pprovduti mill-forniturі ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni jikkonċernaw, rispettivament, il-"mere conduit", il-"caching" u l-hosting.

46. Għalkemm l-ewwel domanda tagħmel riferiment għal dawn it-tliet dispożizzjonijiet, il-qorti tar-rinviju tagħti x'tifhem li Russmedia tipprovdi servizz li jikkonsisti fil-hosting ta' informazzjoni pprovduta mill-utenti. Barra minn hekk, l-Artikolu 14 tal-Liġi Nru 365/2002, li l-applikabbiltà tiegħu ġiet diskussa quddiem il-qrati nazzjonali [17], jidher li jikkostitwixxi traspożizzjoni tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2000/31, li jikkonċerna servizz ta' hosting. Għalhekk inqis li l-ewwel domanda tirrigwarda din id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni u li l-ipoteżi li taħdem biha l-qorti tar-rinviju hija li s-servizz ipprovdut minn Russmedia jikkostitwixxi servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni u jikkonsisti, bħala prinċipju, fil-hosting ta' informazzjoni pprovduta mill-utenti tas-suq online tagħha.

47. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-portata tal-ewwel domanda, il-formulazzjoni prudenti tagħha tagħti x'tifhem li l-qorti tar-rinviju ma tiddeċidix dwar ir-rwol ta' Russmedia fil-provvista tas-servizz ta' hosting tagħha. Tabilħaqq, minn din id-domanda jirriżulta li l-konstatazzjoni li

[16] Ara l-punt 5 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[17] Ara l-punt 29 ta' dawn il-konklużjonijiet.

r-rwol ta' Russmedia huwa purament tekniku tirriżulta mill-affermazzjonijiet magħmula minn din il-kumpannija [18]. Minkejja li ma jidhirx li l-qorti tar-rinviju tikkontesta din l-affermazzjoni, madankollu ser neżaminaha, peress li l-fondatezza tagħha hija kkontestata bil-qawwa mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali [19].

48. Fl-aħħar nett, fit-tielet lok, il-qorti tar-rinviju tindika li Russmedia "ma tidhirx li hija sempliċi utent passiv tad-data (intermedjarju li jipprovdi servizz) peress li, għalkemm [din il-kumpannija] ma teżiġix dritt għall-proprjetà fuq il-kontenut ipprovdut jew imtella', imniżżel jew mibgħut, hija madankollu żżomm id-dritt li tuża [dan il-]kontenut". Il-formulazzjoni tal-ewwel domanda tirrifletti dan it-tħassib tal-qorti tar-rinviju. Fil-fatt, din id-domanda hija intiża sabiex isir magħruf jekk "fornitur […] li jipprovdi lill-utenti [suq online], iżda li, fit-termini u fil-kundizzjonijiet tal-użu tas-sit, jindika li […] madankollu huwa jżomm id-dritt li juża l-kontenut" jistax jibbenefika mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31.

49. L-indikazzjonijiet, fid-deċiżjoni tar-rinviju, tan-natura purament teknika jew passiva tal-attività ta' Russmedia jagħmlu riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li l-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 tikkonċerna biss il-każ fejn l-aġir tal-fornitur ikun limitat għal dak ta' "intermedjarju li jipprovdi servizz", fis-sens intiż mil-leġiżlatur fil-kuntest tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu II ta' din id-direttiva. Fil-fatt, mill-premessa 42 tal-imsemmija direttiva jirriżulta, f'dan ir-rigward, li d-derogi fil-qasam tar-responsabbiltà previsti minnha jkopru biss il-każijiet fejn l-attività tal-fornitur ta' servizzi fil-kuntest tas-soċjetà tal-informazzjoni tkun ta' natura *sempliċement teknika*, awtomatika u *passiva*, li jimplika li dan il-fornitur la jkollu konjizzjoni u lanqas ma jkollu kontroll fuq l-informazzjoni li tkun trażmessa jew maħżuna [20]. Huwa fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza li għandha tiġi analizzata l-ewwel domanda.

b) Ir-rwol tal-operatur ta' suq online

50. Għalkemm il-qorti tar-rinviju ma tipprovdix informazzjoni ddettaljata dwar il-funzjonament tas-suq online ta' Russmedia, jidher li din il-kumpannija tiddefinixxi it-tqassim tal-paġna tar-reklami u tippubblikahom mingħajr ħlas jew bi ħlas fis-suq online tagħha, fejn ir-reklami jinġabru f'kategoriji differenti magħżula mill-utenti li jirreklamaw u fejn l-utenti l-oħra jistgħu jwettqu tfittxijiet permezz ta' sempliċi mutur ta' tfittxija u jikklassifikaw ir-riżultati. Utent li jirreklama għandu, sabiex ikun jista' jippubblika reklam online, jirreġistra ruħu ma' Russmedia. L-identità tiegħu la tiġi vverifikata fil-mument tar-reġistrazzjoni tiegħu u lanqas fil-mument tal-pubblikazzjoni tar-reklam. Din hija l-istampa tal-funzjonament ta' dan is-suq online li tirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, mill-osservazzjonijiet bil-miktub tal-partijiet u minn dawk ippreżentati waqt is-seduta kif ukoll mir-riċerki tiegħi stess. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika l-eżattezza ta' dawn l-osservazzjonijiet qabel ma tieħu d-deċiżjoni tagħha fil-kawża prinċipali.

51. F'kawża li tinvolvi lill-operatur ta' suq online, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, sabiex jiġi vverifikat jekk dan l-operatur jistax jiġi eżentat mir-responsabbiltà tiegħu skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2000/31, għandu jiġi eżaminat jekk dan jillimitax ruħu għall-provvista *newtrali*

[18] Russmedia għalhekk sostniet li "r-rwol tagħha fil-pubblikazzjoni tar-reklami tal-utenti huwa purament tekniku (tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pjattaforma)".

[19] Ara l-punt 29 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[20] Ara s-sentenza tat-23 ta' Marzu 2010, Google France u Google (C-236/08 sa C-238/08, EU:C:2010:159, punti 112 u 113).

tas-servizz tiegħu permezz ta' pproċessar sempliċement tekniku u awtomatiku tad-data pprovduta mill-klijenti tiegħu jew jekk għandux rwol attiv ta' natura li jagħtih konjizzjoni jew kontroll ta' din id-data [21].

52. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-sempliċi fatt li l-operatur ta' suq online jaħżen l-offerti għall-bejgħ fuq is-server tiegħu, jistabbilixxi l-modalitajiet tas-servizz tiegħu, jitħallas għal dan tal-aħħar, u jagħti informazzjoni ta' natura ġenerali lil klijenti tiegħu, ma jistax ikollu l-effett li jċaħħdu mid-derogi fil-qasam tar-responsabbiltà previsti mid-Direttiva 2000/31 [22].

53. Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda waħda mill-kundizzjonijiet li għalihom l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 jissuġġetta l-eżenzjoni mir-responsabbiltà ta' intermedjarju li jipprovdi servizz, li ser nerġa' lura għaliha iktar 'il quddiem [23], il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li l-fatt li operatur ta' pjattaforma ta' xandir ta' kontenut online jwettaq indiċjar awtomatizzat tal-kontenut imtella' fuq din il-pjattaforma, li l-imsemmija pjattaforma tinkludi funzjoni ta' tfittxija u li hija tirrakkomanda vidjows skont il-profil jew il-preferenzi tal-utenti ma huwiex biżżejjed sabiex jitqies li din il-kundizzjoni ma hijiex issodisfatta [24]. *A fortiori*, din iċ-ċirkustanza lanqas ma tista' ċċaħħad lil tali operatur mill-possibbiltà li jinvoka l-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista f'din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, il-kwistjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet li għalihom l-Artikolu 14(1)(a) u (b) ta' din id-direttiva jissuġġetta l-eżenzjoni mir-responsabbiltà humiex issodisfatti tqum biss jekk il-fornitur ikkonċernat jista' jiġi kklassifikat bħala "fornitur ta' servizzi ta' hosting li jassumi rwol newtrali" fir-rigward tal-informazzjoni li huwa jaħżen u li jista', *a priori*, jinvoka din l-eżenzjoni.

54. Jidher għalhekk, *prima facie*, li Russmedia għandha rwol newtrali f'dak li jirrigwarda l-informazzjoni maħżuna fuq talba tal-utenti li jirreklamaw u li hija tista' tinvoka l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31. Issa huwa meħtieġ li jitneħħew id-dubji tal-qorti tar-rinviju, riflessi fil-formulazzjoni tal-ewwel domanda, li, essenzjalment, tfittex li tiddetermina jekk, fil-kuntest tal-eżami tal-applikabbiltà ta' din l-eżenzjoni, il-preċedenza għandhiex tingħata lit-termini u lill-kundizzjonijiet tal-użu ta' suq online jew inkella lill-azzjonijiet effettivament meħuda mill-operatur tiegħu.

c) Ir-rilevanza tat-termini u tal-kundizzjonijiet tal-użu

55. Infakkar li, skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu tas-suq online tagħha, Russmedia, mingħajr ma tallega li għandha dritt għall-proprjetà fuq dan il-kontenut, tirriżerva d-dritt li tuża l-kontenut ipprovdut, imtella', imniżżel jew mibgħut, inkluż li tikkuppjah, li tqassmu, li tittrażmettih, li tippubblikah, li tirriproduċih, li timmodifikah, li tittraduċih, li tittrasferixxih lil imsieħba u li tħassru fi kwalunkwe ħin, mingħajr ma jkollha bżonn raġuni biex tagħmel dan.

56. Qabelxejn nosserva li t-tilwima fil-kawża prinċipali ma tirrigwardax dannu kkawżat lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali minħabba l-intervent ta' Russmedia fir-reklam kontenzjuż li kien aċċessibbli fuq is-suq online tagħha. Għaldaqstant, f'dan il-każ, din ma hijiex sitwazzjoni fejn id-dannu jirriżulta minn kontenut ipprovdut mill-utent ta' suq online u mmodifikat jew immanipulat mill-operatur ta' dan is-suq.

[21] Ara s-sentenza L'Oréal *et* (punt 113).

[22] Ara s-sentenza L'Oréal *et* (punt 115).

[23] Din id-dispożizzjoni tipprevedi, essenzjalment, li tali fornitur ma jistax ikun konxju mill-attività jew mill-informazzjoni illegali. Ara l-punt 68 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[24] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2021, YouTube u Cyando (C-682/18 u C-683/18, iktar 'il quddiem is-"sentenza YouTube u Cyando", EU:C:2021:503, punt 114).

57. Ladarba dan huwa stabbilit, għandu jiġi osservat li, fid-dawl tat-termini u tal-kundizzjonijiet tal-użu tas-suq online tagħha, jidher li Russmedia ma għandha ebda obbligu fir-rigward tal-utenti li jirreklamaw f'dak li jirrigwarda l-elaborazzjoni jew il-preżentazzjoni tal-kontenut tar-reklami maħżuna fuq talba tagħhom. Min-naħa l-oħra, din il-kumpannija tirriżerva dritt li tuża din l-informazzjoni, saħansitra mingħajr il-ħtieġa li jkollha raġuni sabiex tagħmel dan.

58. F'dan ir-rigward, għalkemm it-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu ta' suq online jistgħu jiddeterminaw il-funzjonament ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni u jippermettu li jinftiehem ir-rwol li għandu l-fornitur tiegħu, l-arranġamenti kuntrattwali li skonthom dan il-fornitur jista' jieħu azzjoni fir-rigward tal-informazzjoni maħżuna, mingħajr ma jkun obbligat li jagħmel dan, ma jistgħux, fihom infushom, ikunu deċiżivi meta tqum il-kwistjoni dwar jekk ir-rwol tal-imsemmi fornitur huwiex newtrali. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-ġurisprudenza tagħha, tiġbed l-attenzjoni lejn il-parteċipazzjoni effettiva tal-fornitur ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni fit-tfassil u fil-preżentazzjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-utenti tas-servizz. Min-naħa l-oħra, waqt l-eżami tal-applikabbiltà tal-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31, għandhom jiġu injorati l-azzjonijiet li fornitur huwa awtorizzat li jieħu skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu tal-pjattaforma tiegħu, iżda li huwa ma jimplimentax fil-prattika. Fi kliem ieħor, fil-kuntest ta' dan l-eżami, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-azzjonijiet effettivament meħuda mill-fornitur ta' tali servizz.

59. B'mod iktar konkret, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, meta l-operatur ta' suq online *jagħti assistenza* li tkun b'mod partikolari tikkonsisti fit-titjib tal-preżentazzjoni tal-offerti għall-bejgħ inkwistjoni jew sabiex tippromwovi dawk l-offerti, hemm lok li jiġi kkunsidrat li huwa ma kellux pożizzjoni newtrali bejn il-klijent bejjiegħ ikkonċernat u x-xerrejja potenzjali, iżda li huwa kellu rwol attiv ta' natura li jagħtih konjizzjoni jew kontroll tad-data relatata ma dawn l-offerti[25]. Bl-istess mod, il-Qorti ddeċidiet, essenzjalment, li kumpanija pubblikatriċi tal-istampa ma tistax tinvoka l-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 fir-rigward tal-informazzjoni *li tinsab fil-verżjoni elettronika ta' gazzetta stampata ppubblikata minn din il-kumpannija*, peress li din tal-aħħar għandha, bħala prinċipju, konjizzjoni tal-informazzjoni li tippubblika u teżerċita kontroll fuqha[26].

60. Fil-qosor, fis-siltiet mill-ġurisprudenza li għadni kif semmejt, il-modalitajiet tal-funzjonament ta' suq online kienu jimplikaw il-konjizzjoni u l-kontroll *ex ante* tal-informazzjoni maħżuna. Min-naħa l-oħra, f'dan il-każ, kif osservat il-Kummissjoni waqt is-seduta, ma hemm l-ebda indikazzjoni li Russmedia tintervjeni fil-ħolqien, fl-ottimizzazzjoni jew fil-preżentazzjoni tar-reklami, jew li hija tikkontrolla l-kontenut individwali tagħhom qabel il-pubblikazzjoni tagħhom. Il-kontroll li dik il-kumpannija setgħet teżerċita skont it-termini u l-kundizzjonijiet għall-użu tas-suq online tagħha huwa biss ta' natura potenzjali u *ex post*. Jidher, barra minn hekk, li Russmedia ma għandhiex konjizzjoni tal-informazzjoni maħżuna ta' natura li tiġġustifika l-esklużjoni ta' din il-kumpannija mill-benefiċċju tal-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31.

[25] Sentenza L'Oréal *et* (punt 116).

[26] Sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, Papasavvas (C-291/13, EU:C:2014:2209, punt 45).

61. Barra minn hekk, kif osservat il-Kummissjoni, it-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu ta' pjattaforma simili għal dawk ta' Russmedia huma abitwali għas-servizzi ta' intermedjazzjoni [27]. Huwa importanti li jiġi osservat f'dan ir-rigward li l-fatt li intermedjarju li jipprovdi servizz jirriżerva d-dritt li juża l-informazzjoni pprovduta mill-utenti tas-servizz tiegħu huwa parti mir-rwol importanti li l-forniturijiet intermedjarji għandhom fil-ġlieda kontra l-kontenut illegali online.

62. Fil-fatt, sabiex jissodisfa l-kundizzjonijiet li għalihom hija suġġetta l-eżenzjoni mir-responsabbiltà ta' intermedjarju li jipprovdi servizz, previsti fl-Artikolu 14(1)(a) u (b) tad-Direttiva 2000/31, il-fornitur intermedjarju jrid jirreaġixxi u jneħħi jew jimblokka dan il-kontenut sa mill-mument li jiskopri bil-kontenut illegali. Dan il-fornitur jista', b'mod partikolari sabiex juri l-kapaċità tiegħu li jieħu tali azzjoni, jirriżerva d-dritt li jħassar l-imsemmi kontenut fi kwalunkwe ħin.

63. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li, fit-termini u fil-kundizzjonijiet tal-użu tas-suq online tagħha, Russmedia tirriżerva d-dritt li tuża l-kontenut maħżun fuq talba tal-utenti tas-servizz tagħha ma jistax jeskludi lil din il-kumpannija milli tibbenefika mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31.

d) Konklużjoni intermedja

64. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 għandu jiġi interpretat fis-sens li fornitur ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jikkonsisti fit-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-utenti ta' suq online li fuqu jiġu ppubblikati, mingħajr ħlas jew bi ħlas, reklami jista' jibbenefika mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà, prevista f'din id-dispożizzjoni, anki meta huwa jindika, fit-termini u fil-kundizzjonijiet għall-użu tas-suq online tiegħu, li, għalkemm ma jeżiġix dritt għall-proprjetà fuq il-kontenut, huwa madankollu jżomm id-dritt li juża l-kontenut ipprovdut, imtella', imniżżel jew mibgħut, inkluż li jikkuppjah, li jqassmu, li jittrażmettih, li jippubblikah, li jirriproduċih, li jimmodifikah, li jittraduċih, li jittrasferih lil imsieħba u li jħassru fi kwalunkwe ħin, mingħajr lanqas ma jkun jeħtieġ raġuni sabiex jagħmel dan, bil-kundizzjoni li dan il-fornitur ma jiħux miżuri li jwasslu biex jitlef in-natura tiegħu ta' fornitur ta' servizzi ta' hosting newtrali.

65. Għall-finijiet ta' kompletezza, għandu jiġi eżaminat jekk, fid-dawl tal-ispeċifiċità tat-tilwima fil-kawża prinċipali, il-kundizzjonijiet li għalihom hija suġġetta din l-eżenzjoni humiex issodisfatti f'dan il-każ.

2. Fuq il-kundizzjonijiet li għalihom hija suġġetta l-eżenzjoni mir-responsabbiltà ta' intermedjarju li jipprovdi servizz

66. Id-deċiżjoni tar-rinviju tenfasizza l-karatteristiċi partikolari ta' din il-kawża li jidhru li huma marbuta mal-kundizzjonijiet li għalihom l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 jissuġġetta l-eżenzjoni mir-responsabbiltà għall-informazzjoni maħżuna. Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju tiġbed

[27] Pereżempju, kif osservat il-Kummissjoni waqt is-seduta, hemm klawżola simili fit-termini u fil-kundizzjonijiet tal-użu tal-pjattaforma ta' xandir ta' vidjows ikkonċernata fis-sentenza YouTube u Cyando (punt 30). Barra minn hekk, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-Kummissjoni indikat li ma jidhirx li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu tas-suq online ta' Russmedia huma sostanzjalment differenti minn dawk tal-operatur tal-pjattaforma kkonċernata fis-sentenza L'Oréal *et*.

l-attenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja kemm dwar in-natura manifestament illegali u dannuża ħafna tar-reklam kontenzjuż kif ukoll dwar id-disponibbiltà ta' dan ir-reklam fuq diversi siti internet oħra li rriproduċewh.

a) In-natura manifestament illegali tal-informazzjoni maħżuna

1) L-identifikazzjoni ta' kontenut manifestament illegali

67. Il-qorti tar-rinviju tosserva li, sabiex Russmedia tkun tista' tidentifika u tanalizza l-eventwali natura illegali tal-informazzjoni ppubblikata, ma kellux ikun neċessarju li din il-kumpannija tiġi informata bil-kontenut illegali. Fil-fatt, skont dik il-qorti, il-kontenut tar-reklam kontenzjuż huwa manifestament illegali u dannuż ħafna għar-rikorrenti fil-kawża prinċipali. Il-qorti tar-rinviju għalhekk tidher li titlaq mill-premessa li, minħabba din in-natura evidentement illegali, Russmedia kellha tkun konxja minn dan ir-reklam u mill-kontenut illegali tiegħu. Għalhekk, sabiex tkun tista' tibbenefika mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà, Russmedia kellha – fil-pront u mingħajr ma tistenna talba għal dan l-għan – tneħħi l-imsemmi reklam jew tirrendi l-aċċess għalih impossibbli, konformement mal-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva 2000/31.

68. L-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2000/31 huwa intiż li jeżenta lill-fornitur ta' servizzi ta' hosting mir-responsabbiltà tiegħu għall-informazzjoni maħżuna meta huwa ma jkunx konxju mill-attività jew mill-informazzjoni illegali. Meta r-responsabbiltà ta' fornitur ta' servizzi ta' hosting tiġi invokata fil-kuntest ta' azzjoni għad-danni, bħal f'dan il-każ, issir applikabbli kundizzjoni ta' eżenzjoni mir-responsabbiltà iktar stretta. F'tali każ, il-fornitur huwa eskluż milli jibbenefika mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà, prevista fl-Artikolu 14(1) ta' din id-direttiva, meta huwa sar konxju minn fatti jew minn ċirkustanzi li abbażi tagħhom operatur ekonomiku diliġenti kellu jikkonstata l-illegalità inkwistjoni u ma aġixxiex konformement mal-Artikolu 14(1)(b) tal-imsemmija direttiva [28]. Fil-fatt, kif teżiġi d-Direttiva 2000/31, in-natura illegali tal-attività jew tal-informazzjoni għandha tkun "apparenti" jew, fi kliem ieħor, faċilment identifikabbli [29].

69. Madankollu, il-fornitur jista' jitlef il-benefiċċju tal-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 biss jekk ikun effettivament sar konxju minn fatti jew minn ċirkustanzi li abbażi tagħhom in-natura illegali tal-attività jew tal-informazzjoni tista' tiġi oġġettivament ikkonstatata minn operatur ekonomiku diliġenti. Fil-fatt, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk din hijiex azzjoni għad-danni, ma huwiex biżżejjed li l-fornitur ikun konxju, b'mod ġenerali, mill-fatt li s-servizz tiegħu jintuża wkoll sabiex jiġi kondiviż kontenut illegali. Il-fornitur għandu jkun konxju minn fatti jew minn ċirkustanzi relatati ma' attivitajiet u informazzjoni illegali konkreti [30].

70. Il-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2000/31 għalhekk ma hijiex issodisfatta meta, *abbażi ta' informazzjoni li huwa jkollu*, il-fornitur jikkonstata jew jinjora n-natura illegali tad-data maħżuna jew ikun żbaljat dwar il-legalità ta' din id-data. Fil-fatt, filwaqt li n-natura illegali ta' informazzjoni jew ta' attività għandha tiġi evalwata b'mod oġġettiv, skont il-kriterju tal-operatur ekonomiku diliġenti, *il-konjizzjoni tal-fatti li jiżvelaw din l-illegalità hija bħala prinċipju evalwat billi tittieħed inkunsiderazzjoni l-informazzjoni effettivament disponibbli għall-fornitur ikkonċernat*.

[28] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza L'Oréal *et* (punt 122) u s-sentenza YouTube u Cyando (punt 115).

[29] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza YouTube u Cyando (punt 113).

[30] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza YouTube u Cyando (punti 111 u 112).

71. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jiġi *preżunt* li l-operatur ta' suq online huwa konxju mill-kontenut ta' kull reklam illegali u dannuż. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' tali preżunzjoni tkun tfisser li dan l-operatur ikun obbligat jissorvelja b'mod attiv id-data kollha ta' kull wieħed mill-utenti tiegħu li jirreklamaw sabiex jidentifika reklami li huma manifestament illegali u dannużi. Jidhirli li tali obbligu ta' monitoraġġ huwa diffiċli li jiġi rrikonċiljat mal-loġika tad-Direttiva 2000/31.

72. Fil-fatt, tali obbligu ta' monitoraġġ, introdott "mit-tieqa u mhux mill-bieb", huwa inkompatibbli mal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2000/31 li jipprevedi li l-Istati Membri ma għandhomx jimponu fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting obbligu ġenerali ta' monitoraġġ tal-informazzjoni li huma jaħżnu jew obbligu ġenerali li attivament ifittxu fatti jew ċirkustanzi li jindikaw attivitajiet illegali. Għalhekk, fornitur ta' servizzi ta' hosting ma jistax ikun obbligat li jissorvelja, b'mod ġenerali, l-informazzjoni li huwa jaħżen abbażi ta' miżuri nazzjonali [31].

73. Għaldaqstant, ma jistax jitqies li l-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva 2000/31 ma hijiex issodisfatta sempliċement minħabba li reklam ippubblikat fuq suq online huwa manifestament illegali u dannuż ħafna għall-persuna kkonċernata minn dan ir-reklam. Għall-finijiet ta' kompletezza, inżid li d-Direttiva 2000/31 ma tinjorax is-sitwazzjoni li fiha l-fornitur ta' servizz ta' hosting jadotta mudell ekonomiku jew organizzattiv li jinkoraġġixxi jew jippromwovi t-tixrid ta' kontenut illegali.

2) Pjattaforma involuta f'attivitajiet illegali

74. Għandu jiġi rrilevat li l-premessa 44 tad-Direttiva 2000/31 tipprovdi li fornitur ta' servizzi li jikkollabora intenzjonalment ma' wieħed mir-riċevituri tas-servizz tiegħu sabiex iwettaq attivitajiet illegali jmur lil hinn mill-attivitajiet ta' "mere conduit" jew ta' "caching", imsemmija, rispettivament, fl-Artikoli 12 u 13 ta' din id-direttiva. Għaldaqstant, dan il-fornitur ma jistax jibbenefika minn derogi fir-rigward tar-responsabbiltà previsti għal dawn it-tip ta' attivitajiet. Għalkemm din il-premessa ma ssemmix l-attività tal-hosting, imsemmija fl-Artikolu 14 tal-imsemmija direttiva, ma hemm l-ebda raġuni għaliex l-istess raġunament ma għandux japplika għal din l-attività. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza YouTube u Cyando [32], li operatur ta' pjattaforma online li jikkontribwixxi, lil hinn mis-sempliċi tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pjattaforma, sabiex jagħti lill-pubbliku aċċess għal kontenut bi ksur tad-drittijiet tal-awtur, ma jistax jitqies li huwa fornitur ta' servizzi ta' hosting newtrali li jista' jibbenefika mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31.

75. Fl-imsemmija sentenza, sabiex jiġi ddeterminat jekk operatur kienx qiegħed jagħti lill-pubbliku tali aċċess, il-Qorti tal-Ġustizzja dehret li straħet, indirettament, fuq l-analiżi tagħha relatata mal-kunċett ta' "att ta' komunikazzjoni" fis-sens tad-Direttiva 2001/29/KE [33]. Skont din l-analiżi, ispirata mis-sentenza tagħha dwar il-pjattaforma ta' kondiviżjoni The Pirate Bay [34], operatur jagħti tali aċċess meta jintervjeni fil-komunikazzjoni illegali ta' kontenut protett, imwettqa mill-utenti tal-pjattaforma tiegħu, b'konjizzjoni sħiħa tal-konsegwenzi tal-imġiba tiegħu, biex jagħti aċċess għal tali kontenut lil utenti oħra tal-Internet. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġi ddeterminat jekk dan huwiex il-każ, għandhom jittieħdu

[31] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Glawischnig-Piesczek (C-18/18, EU:C:2019:821, punt 42).

[32] Punt 108 ta' dik is-sentenza.

[33] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

[34] Ara s-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2017, Stichting Brein (C-610/15, EU:C:2017:456, punti 36, 45 u 48).

inkunsiderazzjoni l-elementi kollha li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni inkwistjoni u li jippermettu li jinsiltu, direttament jew indirettament, konklużjonijiet dwar in-natura intenzjonali jew le tal-intervent tal-operatur fil-komunikazzjoni illegali tal-imsemmi kontenut.

76. Jekk dan l-approċċ jiġi traspost għaċ-ċirkustanzi tal-każ preżenti, dan ikun ifisser li l-operatur ta' suq online li jkun adotta mudell ekonomiku u/jew organizzattiv li jinċentiva lill-utenti tal-pjattaforma tiegħu jxandru kontenut manifestament illegali u dannuż ħafna jew li jippromwovi u jiffaċilita x-xandir mingħajr limitu u mingħajr kontroll ta' tali kontenut jitlef il-kwalità ta' fornitur ta' servizzi ta' hosting newtrali fis-sens tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31. Madankollu, xejn ma jindika li Russmedia adottat tali mudell.

3) L-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-moderazzjoni tal-kontenut disponibbli online

77. Jista' jiġi sostnut li l-kunsiderazzjoni li d-Direttiva 2000/31, bħala prinċipju u bla ħsara għal ċirkustanzi eċċezzjonali [35], ma timponix fuq il-forniturі tas-servizzi ta' hosting l-obbligu li jidentifikaw kwalunkwe kontenut manifestament illegali u dannuż ħafna, tista' tidher li ma hijiex sodisfaċenti wisq, fid-dawl tar-riskji li x-xandir ta' tali kontenut jista' joħloq fir-rigward tad-drittijiet tal-utenti tagħhom u ta' terzi.

78. Madankollu, kif osservajt f'kuntest ieħor [36], id-Direttiva 2000/31 hija l-frott ta' żmienha u l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jistabbilixxi sistema bażika li tipproteġi b'mod speċifiku l-moviment liberu tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni. Għaldaqstant, din id-direttiva sempliċement timponi obbligi ta' informazzjoni fuq kull fornitur ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni [37], mingħajr ma tagħmel distinzjoni bejn id-diversi kategoriji ta' servizzi ta' hosting. Fil-fatt, l-imsemmija direttiva hija bbażata fuq il-loġika li, fil-limiti li hija tistabbilixxi, l-Istati Membri jistabbilixxu obbligi li għandhom jiġu osservati mill-forniturі stabbiliti fit-territorji tagħhom. B'mod partikolari, il-marġni ta' manuvra tal-Istati Membri huwa limitat mill-projbizzjoni, imposta fuqhom bl-Artikolu 15 tal-istess direttiva, milli jimponu obbligu ġenerali ta' monitoraġġ.

79. Is-sistema bażika stabbilita bid-Direttiva 2000/31 gradwalment ġiet ikkompletata permezz ta' atti settorjali li jeżiġu l-implimentazzjoni ta' miżuri xierqa sabiex ċerti kategoriji ta' utenti jiġu protetti minn kontenut speċifiku, bħal kontenut terroristiku jew ta' pornografija tat-tfal [38].

80. Reċentement, il-leġiżlatur tal-Unjoni emenda, b'mod kunsiderevoli, il-qafas legali applikabbli għall-pjattaformi online. Tabilħaqq, id-Digital Services Act jiddistingwi bejn l-obbligi tal-pjattaformi skont ċerti kriterji u jirregola wkoll, sa ċertu punt, il-kwistjoni tal-moderazzjoni ta' kontenut illegali [39]. Madankollu, dan il-każ ma huwiex ikkonċernat minn dan il-qafas legali l-ġdid u l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex, fl-opinjoni tiegħi, tintroduċi, permezz tal-interpretazzjoni ġudizzjarja, obbligu li mhux biss talli ma huwiex previst mid-Direttiva 2000/31 applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, iżda talli huwa, barra minn hekk, f'kontradizzjoni mal-Artikolu 15 tagħha.

35 Ara l-punt 76 ta' dawn il-konklużjonijiet.

36 Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi Airbnb Ireland *et* (C-662/22 sa C-667/22, EU:C:2024:18, punti 4 u 5).

37 Ara l-Artikoli 5 sa 7 u 10 tad-Direttiva 2000/31.

38 Ara, bħala eżempju, l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2021/784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar l-indirizzar tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online (ĠU 2021, L 172, p. 79) kif ukoll l-Artikolu 28b tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) (ĠU 2010, L 95, p. 1, u rettifika fil-ĠU 2010, L 263, p. 15), kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 (ĠU 2018, L 303, p. 69).

39 Ara l-Artikolu 35(1)(c) tad-Digital Services Act.

b) Id-distribuzzjoni mill-ġdid tal-kontenut tar-reklami ppubblikati

81. Aspett ieħor li lejh il-qorti tar-rinviju tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jikkonċerna l-fatt li, minkejja li Russmedia neħħiet ir-reklam kontenzjuż mis-suq online tagħha wara t-talba tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, dan ir-reklam għadu aċċessibbli fuq diversi siti internet oħra li ħaduh mis-suq online ta' Russmedia, bl-indikazzjoni tas-sors oriġinali. Il-qorti tar-rinviju ma tagħmilx domanda direttament dwar din iċ-ċirkustanza mill-perspettiva tad-Direttiva 2000/31. Min-naħa l-oħra, hija tagħmel riferiment għalih fil-kuntest tar-raba' domanda tagħha, li tirrigwarda l-miżuri imposti mill-GDPR sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ipproċessar tad-data personali. Madankollu, waqt is-seduta, bi tweġiba għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-imsemmija ċirkustanza ġiet diskussa mill-partijiet fil-kuntest tal-kundizzjoni tal-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1)(b) ta' din id-direttiva. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, u sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, ser nanalizza l-kwistjoni dwar jekk il-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva 2000/31 hijiex issodisfatta meta, wara li jkun sar konxju mill-fatti jew miċ-ċirkustanzi li jippermettu li tiġi stabbilita faċilment in-natura illegali tal-informazzjoni maħżuna, il-fornitur ta' servizzi ta' hosting ineħħi fil-pront din l-informazzjoni mis-sit internet tiegħu, iżda din tkun għadha aċċessibbli fuq siti internet oħra li jkunu ħaduha mis-sit ta' dan il-fornitur ta' servizzi ta' hosting.

82. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju ma tippreċiżax jekk ir-reklam kontenzjuż tqassamx mill-ġdid lill-operaturi ta' siti internet oħra minn Russmedia jew jekk ġiex ikkupjat minnhom mingħajr ma Russmedia ma kienet konxja b'dan. Dan il-punt kien is-suġġett ta' dibattitu waqt is-seduta. Sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, ser neżamina dawn iż-żewġ eżempji.

1) Ir-riproduzzjoni tar-reklam kontenzjuż minn imsieħba

83. Waqt is-seduta, il-Kummissjoni għamlet riferiment għal sitwazzjoni li fiha Russmedia tittrażmetti, konformement mat-termini u mal-kundizzjonijiet tal-użu tas-suq online tagħha, lil imsieħba li magħhom hija marbuta kuntrattwalment, elenkati fuq is-sit tagħha u, għalhekk, magħrufa mill-utenti li jirreklamaw, reklami li ġew ippubblikati fis-suq online tagħha.

84. Jista' jiġi mistoqsi jekk, f'tali eżempju, is-servizz ipprovdut mill-operatur ta' suq online jikkonsistix f'hosting *newtrali* tal-informazzjoni maħżuna fuq talba ta' riċevitur tas-servizz tiegħu. Fil-fatt, wieħed ma jistax jinsa li l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 japplika biss jekk il-fornitur jipprovdi tali servizz.

85. F'dan ir-rigward, nosserva li, meta l-operatur ta' suq online jittrażmetti, b'mod individwalizzat u/jew b'assistenza minn bniedem, informazzjoni pprovduta minn riċevitur tas-servizz tiegħu lil imsieħba tiegħu, sabiex dawn jippubblikawha fuq siti internet oħra, ir-rwol tiegħu huwa simili għal dak ta' promotur ta' din l-informazzjoni. F'każ bħal dan, għandi dubju dwar il-fatt li s-servizz ta' dan l-operatur jaqa' kompletament taħt l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31. Min-naħa l-oħra, meta l-informazzjoni maħżuna fuq talba ta' utent tittieħed mill-operaturi ta' siti internet oħra u meta r-rwol tal-imsemmi operatur f'din it-trażmissjoni jkun purament tekniku u awtomatizzat, jista' jitqies li din id-dispożizzjoni hija applikabbli għalih b'mod sħiħ.

86. Dan premess, id-deċiżjoni tar-rinviju ma tinkludix punti ta' fatt li jippermettu li jiġi ddeterminat liema minn dawn iż-żewġ ipoteżi tikkorrispondi għas-sitwazzjoni tal-kawża prinċipali. Iktar importanti minn hekk, il-kwistjoni dwar jekk il-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva 2000/31 hijiex issodisfatta tqum biss jekk Russmedia tista' tiġi kklassifikata bħala "fornitur ta' servizzi ta' hosting", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Għalhekk ser

nanalizza l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 14(1)(b) ta' din id-direttiva billi nibda mill-premessa li Russmedia hija fornitur ta' servizzi ta' hosting, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, u li r-reklam kontenzjuż ġie riprodott minn imsieħba ta' din il-kumpannija taħt il-kundizzjonijiet imsemmija mill-Kummissjoni waqt is-seduta [40].

87. F'dan ir-rigward, fil-livell testwali, l-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva 2000/31 jipprevedi li, sabiex jibbenefika mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà, il-fornitur ta' servizzi ta' hosting għandu jaġixxi mingħajr dewmien sabiex ineħħi l-informazzjoni illegali jew jirrendi l-aċċess għaliha impossibbli. Għalhekk, din id-dispożizzjoni ma tillimitax ruħha għall-indikazzjoni li l-fornitur ta' servizzi ta' hosting għandu jneħħi jew jimblokka l-aċċess għal informazzjoni illegali. Fil-fatt, il-leġiżlatur għażel formulazzjoni miftuħa li, essenzjalment, tgħid li fornitur irid itemm malajr kemm jista' jkun attività illegali, imwettqa permezz tas-servizz tiegħu jew fuqu.

88. Ċertament, il-formulazzjoni ta' din il-kundizzjoni tista' tinftiehem fis-sens li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma kellux l-intenzjoni li jistabbilixxi riżultati konkreti li għandhom jinkisbu, iżda biss li jsiru sforzi f'dan ir-rigward. Madankollu, il-formulazzjoni miftuħa tal-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva 2000/31 tħalli wkoll ċertu marġni ta' manuvra lil fornitur ("ineħħi *jew* iwaqqaf l-aċċess għall-informazzjoni") li jippermettilu jadotta miżura xierqa, proporzjonata u effettiva. Tali interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni huwa meħtieġ fid-dawl ta' diversi premessi ta' din id-direttiva.

89. Fil-fatt, il-premessa 46 tad-Direttiva 2000/31 tiddikjara li t-tneħħija tal-informazzjoni għandha ssir skont "proċeduri stabbiliti għal dan l-iskop f'livell nazzjonali" u li din id-direttiva "ma taffettwax il-possibilità ta' Stati Membri milli jistabbilixxu ħtiġijiet speċifiċi li għandhom ikunu mwettqa mingħajr dewmien qabel it-tneħħija jew it-twaqqif ta' l-informazzjoni." Madankollu, xejn ma jissuġġerixxi li tali proċeduri u rekwiżiti ġew stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli.

90. Fi kwalunkwe każ, il-premessa 41 tad-Direttiva 2000/31 tipprovdi li din toħloq bilanċ bejn id-diversi interessi involuti u tistabbilixxi prinċipji li jistgħu jservu bħala bażi għar-regoli u għall-ftehimiet adottati mill-impriżi. Fir-rigward, b'mod iktar speċifiku, tal-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 14(1)(b) ta' din id-direttiva, il-premessa 46 tagħha tipprovdi li l-fornitur għandu jipproċedi bit-tneħħija tal-informazzjoni jew jirrendi l-aċċess għaliha impossibbli b'osservanza tal-prinċipju tal-libertà tal-espressjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, f'dan ir-rigward, li l-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tal-imsemmija direttiva tikkostitwixxi l-espressjoni tal-bilanċ li din tal-aħħar hija intiża li tistabbilixxi bejn id-diversi interessi involuti, li fosthom hemm l-osservanza tal-libertà tal-espressjoni ggarantita permezz tal-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") [41].

91. Minn dan niddeduċi li, sabiex il-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva 2000/31 titqies li hija ssodisfatta, it-tneħħija tal-informazzjoni illegali trid issir b'osservanza tar-rikonċiljazzjoni neċessarja tar-rekwiżiti marbuta mal-protezzjoni ta' dawn id-diversi drittijiet u libertajiet u ta' bilanċ ġust bejniethom.

92. F'dan ir-rigward, minn naħa, l-istess bħar-rispett tal-libertà tal-espressjoni ggarantita mill-Karta u msemmija fil-premessa 46 tad-Direttiva 2000/31, anki r-rispett għall-ħajja privata huwa ggarantit mill-Karta, fl-Artikolu 7 tagħha. Min-naħa l-oħra, fid-dawl tan-neċessità li jiġi

[40] Ara l-punt 83 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[41] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza YouTube u Cyando (punt 113).

stabbilit bilanċ bejn l-interessi inkwistjoni, l-għan li jikkonsisti fil-protezzjoni effettiva tar-reputazzjoni u l-unur ta' persuna ma jistax jintlaħaq permezz ta' obbligu eċċessiv impost fuq il-fornitur ta' servizzi ta' hosting [42].

93. F'dawn iċ-ċirkustanzi, sabiex il-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva 2000/31 titqies li hija ssodisfatta b'osservanza tad-drittijiet inkwistjoni, fornitur ta' servizzi ta' hosting li s-servizz tiegħu jintuża għad-distribuzzjoni mill-ġdid tal-informazzjoni li huwa jaħżen lil imsieħba kuntrattwali tiegħu għandu jieħu miżuri raġonevoli sabiex jiżgura li dan il-kontenut, fejn meħtieġ, jitneħħa jew jiġi mblokkat ukoll mill-imsieħba tiegħu. Pereżempju, klawżola għal dan l-għan tista' tiġi inkluża fil-kuntratti konklużi ma' dawn l-imsieħba.

2) Ir-riproduzzjoni tar-reklam kontenzjuż minn terzi

94. Waqt is-seduta ma ġiex diskuss biss il-każ li fih reklam jiġi riprodott minn imsieħba tal-operatur ta' suq online, iżda wkoll dak fejn reklam pubblikament aċċessibbli jiġi riprodott minn terzi, mingħajr l-għarfien u mingħajr il-kunsens ta' dan l-operatur. Il-kwistjoni diskussa kienet dwar jekk, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ippreżentati fil-punt 91 ta' dawn il-konklużjonijiet, sabiex jissodisfa l-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva 2000/31, l-operatur ta' suq online għandux jieħu miżuri fil-konfront ta' terzi. Din id-domanda għandha tingħata risposta fin-negattiv.

95. Fil-fatt, il-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva 2000/31 hija bbażata fuq l-idea li l-fornitur ta' servizz ta' hosting għandu jieħu fil-pront il-miżuri kollha fis-setgħa tiegħu sabiex itemm attività illegali, imwettqa permezz tas-servizz tiegħu jew fuqu. Min-naħa l-oħra, il-punt dwar jekk din il-kundizzjoni hijiex issodisfatta ma jistax jiddependi minn miżuri li ma jaqgħux taħt il-kontroll tagħha.

96. Bla ħsara għar-rimarki addizzjonali li għadni kif ippreżentajt dwar il-kundizzjonijiet li għalihom l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 jissuġġetta l-eżenzjoni mir-responsabbiltà ta' intermedjarju li jipprovdi servizz, nikkonferma l-proposta tiegħi ta' risposta għall-ewwel domanda, ippreżentata fil-punt 64 ta' dawn il-konklużjonijiet.

B. Fuq it-tieni sar-raba' domanda

97. Permezz tat-tieni sar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 5(1)(b) u (f), l-Artikolu 6(1)(a) u l-Artikoli 7, 24 u 25 tal-GDPR għandhomx jiġu interpretati fis-sens li fornitur ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li l-attività tiegħu tikkonsisti fil-hosting fuq sit internet ta' reklami mingħajr ħlas jew bi ħlas fuq talba tal-utenti tiegħu għandu kemm jivverifika minn qabel l-identità ta' min jirreklama (it-tieni domanda) u l-kontenut tar-reklami ppubblikati (it-tielet domanda) kif ukoll jieħu miżuri ta' sigurtà sabiex jipprevjeni jew jillimita l-ikkopjar jew id-distribuzzjoni mill-ġdid tal-kontenut tar-reklami li fihom data personali (ir-raba' domanda).

[42] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Glawischnig-Piesczek (C-18/18, EU:C:2019:821, punt 44).

98. Dawn id-domandi jirrigwardaw ukoll l-Artikolu 2(4), il-punti 7 u 11 tal-Artikolu 4 tal-GDPR, kif ukoll l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2000/31. Madankollu, sabiex tingħata risposta utli għal dawn id-domandi, huwa biżżejjed li jiġu interpretati dawk id-dispożizzjonijiet tal-GDPR, imsemmija fil-punt preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet, li jiddeterminaw l-obbligi u r-responsabbiltajiet ta' attur involut fl-ipproċessar tad-data personali.

99. Barra minn hekk, sabiex tingħata risposta għal dawn id-domandi, għandu, preliminarjament, jiġi ddeterminat f'liema kwalità tali fornitur huwa involut fl-ipproċessar tad-data personali. F'dan ir-rigward, jidher li t-tieni sar-raba' domanda huma bbażati fuq il-premessa li Russmedia aġixxiet fil-kwalità ta' "kontrollur", fis-sens tal-Artikolu 4(7) tal-GDPR. Fil-fatt, dawn isemmu din id-dispożizzjoni u jirreferu għal "fornitur […] li huwa responsabbli għall-ipproċessar ta' data personali". Bħall-Kummissjoni, għandi dubji dwar tali klassifikazzjoni legali. Għalhekk, sa fejn din jista' jkollha effett fuq ir-risposti għad-domandi preliminari, ser neżamina qabel kollox il-klassifikazzjoni legali tal-operatur ta' suq skont il-kategoriji previsti mil-GDPR (it-Taqsima 1), sabiex imbagħad nerġa' nindirizza l-kwistjoni tal-obbligi u tar-responsabbiltajiet ta' dan l-operatur (it-Taqsima 2).

1. Fuq il-klassifikazzjonijiet legali

a) L-atturi tal-ipproċessar ta' data personali

100. L-Artikolu 4(7) tal-GDPR jiddefinixxi l-kunċett ta' "kontrollur" bħala l-persuna li, waħedha jew flimkien ma' oħrajn, tiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ta' data personali. Dan ir-regolament isemmi attur ieħor involut fl-ipproċessar tad-data, jiġifieri l-"proċessur". Dan huwa ddefinit, fl-Artikolu 4(8) tal-imsemmi regolament, bħala l-persuna li tipproċessa d-data personali f'isem il-kontrollur.

101. Il-kwalifika ta' attur involut fl-ipproċessar tad-data skont il-kategoriji previsti mill-GDPR tiddetermina l-obbligi u r-responsabbiltajiet ta' dan l-attur. Dawn l-obbligi u dawn ir-responsabbiltajiet huma ddefiniti mid-dispożizzjonijiet imsemmija fit-tieni sar-raba' domanda.

102. Fil-fatt, kull ipproċessar ta' data personali għandu jkun konformi mal-prinċipji dwar l-ipproċessar tad-data, stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tal-GDPR, u għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-legalità tal-ipproċessar elenkati fl-Artikolu 6 tiegħu. Huwa l-kontrollur li jassumi r-responsabbiltà għall-osservanza ta' dawn il-prinċipji[43] u li, meta l-ipproċessar ikun ibbażat fuq il-kunsens, għandu jkun f'pożizzjoni li juri li s-suġġett tad-data ta l-kunsens tiegħu għall-ipproċessar tad-data, kif jeżiġi l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament. Fl-istess spirtu, l-Artikoli 24 u 25 tal-imsemmi regolament jipprevedu obbligi ġenerali, imposti fuq il-kontrollur, sabiex jimplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa sabiex jiżgura li l-ipproċessar isir f'konformità mal-istess regolament.

103. Barra minn hekk, il-kwalità li fiha jaġixxi attur involut fl-ipproċessar tiddetermina wkoll il-portata tar-responsabbiltà tiegħu għall-ksur tal-GDPR.

104. Fil-fatt, skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 82(2) tal-GDPR, "[k]walunkwe kontrollur involut fl-ipproċessar għandu jkunu responsabbli għad-dannu kkawżat mill-ipproċessar li jikser dan ir-Regolament". Il-kontrollur huwa responsabbli mhux biss għal kull pproċessar ta' data

[43] Ara l-Artikolu 5(2) tal-GDPR.

personali li jwettaq huwa stess, iżda wkoll għal kull ipproċessar li jitwettaq f'ismu[44]. Min-naħa l-oħra, skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 82(2) tal-imsemmi Regolament, "[p]roċessur għandu jkun responsabbli għad-dannu kkawżat mill-ipproċessar f'każ biss fejn ma jkunx ikkonforma mal-obbligi [tal-istess] Regolament diretti b'mod speċifiku lejn il-proċessuri jew fejn ikun aġixxa lil hinn minn jew kontra istruzzjonijiet legali tal-kontrollur".

b) L-għan u l-mezzi tal-ipproċessar

105. Sabiex jiġi ddeterminat jekk entità involuta fl-ipproċessar ta' data personali tistax titqies bħala kontrollur, fis-sens tal-punt 7 tal-Artikolu 4 tal-GDPR, għandu jiġi eżaminat jekk din l-entità effettivament eżerċitatx influwenza, għal finijiet speċifiċi għaliha, fuq id-determinazzjoni *tal-għanijiet* u *tal-mezzi* ta' dan l-ipproċessar.

106. L-għan tal-ipproċessar huwa relatat mal-mistoqsija dwar *għaliex* id-data tiġi pproċessata[45]. Bħala prinċipju, hija l-persuna li tibda l-ipproċessar li tiddeċiedi.

107. Il-limiti tal-kunċett ta' "mezzi" huma inqas ċari u għandhom jiġu ddeterminati fil-kuntest tal-evoluzzjoni tal-istrutturi ekonomiċi u teknoloġiċi li fihom tiġi pproċessata d-data. B'mod ġenerali, jekk l-iskop tal-ipproċessar jikkonċerna r-raġuni li għaliha tiġi pproċessata d-data, il-mezzi jindirizzaw il-kwistjoni ta' *kif* ser jintlaħaq dan l-għan. Fil-fatt, id-determinazzjoni tal-mezzi tikkonsisti, b'mod partikolari, f'li jiġi deċiż liema data tiġi pproċessata[46], min jista' jaċċedi għaliha u kif[47] u, sa fejn tali deċiżjoni tista' ttemm l-operazzjonijiet ta' pproċessar, it-tul tal-ipproċessar. It-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-għodod jew il-mezzi materjali jew diġitali[48] li permezz tagħhom id-data tinġabar, tiġi ppreżentata jew imxandra wkoll jgħin biex jiġu identifikati l-mezzi tal-ipproċessar.

108. Madankollu, il-kontrollur ma huwiex obbligat li jiddetermina kull aspett tekniku u organizzattiv tal-ipproċessar. Id-deċiżjoni li l-ipproċessar tad-data jiġi fdat lil proċessur tista' tirriżulta mhux biss mix-xewqa li jittaffa l-ammont ta' xogħol tal-kontrollur, iżda wkoll mill-fatt li l-kontrollur ma jkollux l-għarfien tekniku jew il-mezzi meħtieġa biex jorganizza l-ipproċessar. Tali interpretazzjoni, iggwidata mir-realtà ekonomika, hija kkorroborata mid-dispożizzjonijiet tal-GDPR.

109. Fil-fatt, għalkemm, skont l-Artikolu 28(3) tal-GDPR, kuntratt jew att legali ieħor li abbażi tiegħu kontrollur jafda l-ipproċessar lil proċessur għandu jiddefinixxi *l-għan* tal-ipproċessar, tali bażi legali ma għandhiex tirrispondi b'mod eżawrjenti għall-kwistjoni dwar kif id-data ser tiġi pproċessata. Din għandha tiddetermina biss l-għan u t-tul tal-ipproċessar, in-natura u l-iskop tiegħu kif ukoll it-tip ta' data personali u l-kategoriji tas-suġġetti tad-data. Għalhekk, minn naħa, il-kwistjonijiet sensittivi li huma fundamentali għal-legalità tal-ipproċessar huma rriżervati għall-kontrollur. Min-naħa l-oħra, għalkemm proċessur jaġixxi f'isem kontrollur u jsegwi

44 Ara s-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2023, Nacionalinis visuomenės sveikatos centras (C-683/21, EU:C:2023:949, punt 36).

45 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Jannar 2024, État belge (Data pproċessata minn ġurnal uffiċjali) (C-231/22, EU:C:2024:7, punt 31).

46 Ara s-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2018, Wirtschaftsakademie Schleswig-Holstein (C-210/16, EU:C:2018:388, punt 37), u tal-5 ta' Diċembru 2023, Nacionalinis visuomenės sveikatos centras (C-683/21, EU:C:2023:949, punt 32), li jissuġġerixxu li l-persuna li jkollha rwol attiv fid-determinazzjoni taċ-ċirku tal-persuni li d-data tagħhom ser tiġi pproċessata u li tiddeċiedi liema data ser tiġi pproċessata hija kontrollur.

47 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Jannar 2024, État belge (Data pproċessata minn ġurnal uffiċjali) (C-231/22, EU:C:2024:7, punt 33), li tissuġġerixxi li għażla tal-mezzi ta' komunikazzjoni li permezz tagħhom id-data tista' tiġi kkonsultata minn terzi twassal sabiex jiġu ddeterminati l-mezzi tal-ipproċessar.

48 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' Lulju 2019, Fashion ID (C-40/17, EU:C:2019:629, punt 77), u tal-11 ta' Jannar 2024, État belge (Data pproċessata minn ġurnal uffiċjali) (C-231/22, EU:C:2024:7, punt 33).

l-istruzzjonijiet tiegħu, huwa jista', jew saħansitra għandu, jiddetermina l-miżuri tekniċi u organizzattivi tal-ipproċessar, mingħajr ma jmur lil hinn mir-rwol tiegħu ta' proċessur. Fi kliem ieħor, id-determinazzjoni tal-*mezzi mhux essenzjali* tal-ipproċessar ma hijiex biżżejjed sabiex jingħata l-istatus ta' kontrollur lil persuna involuta fl-ipproċessar tad-data.

110. Huwa abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-punti 106 sa 109 ta' dawn il-konklużjonijiet li l-qorti tar-rinviju għandha tiddeċiedi jekk Russmedia tistax titqies bħala kontrollur. Sabiex nipprovdi lill-qorti nazzjonali bl-elementi ta' interpretazzjoni taħt id-dritt tal-Unjoni li għandhom ikunu utli għaliha sabiex issolvi t-tilwima li għandha quddiemha, ser nindirizza din il-kwistjoni.

c) L-operatur ta' suq online u l-GDPR

111. Preliminarjament, nosserva li l-ipproċessar ta' data personali li tinsab fir-reklami ppubblikati fuq suq online għandu jiġi distint mill-ipproċessar ta' data ta' utenti li jirreklamaw li joħolqu kont mal-operatur ta' dan is-suq sabiex jippubblikaw ir-reklami tagħhom. Il-ħolqien ta' tali kont u l-azzjonijiet l-oħra relatati mad-data pprovduta minn utent li jirreklama jikkostitwixxu operazzjonijiet ta' pproċessar li għalihom huwa responsabbli dan l-operatur fid-dawl tal-GDPR. Essenzjalment, l-operatur jiddeċiedi liema data hija meħtieġa biex jiġi rreġistrat kont u, meta tiġi stabbilita din il-proċedura ta' reġistrazzjoni tal-utenti li jirreklamaw, huwa jiddetermina l-għan tal-ipproċessar tagħha.

112. Id-deċiżjoni tar-rinviju tqajjem il-kwistjoni dwar jekk l-operatur ta' suq online jeżerċitax ukoll influwenza, għall-finijiet speċifiċi għalih, fuq id-determinazzjoni tal-għanijiet u tal-mezzi tal-ipproċessar tad-data personali eventwalment inkluża fir-reklami ppubblikati fuq is-suq online tiegħu.

113. F'dan ir-rigward, fir-rigward tal-*għan tal-ipproċessar* tad-data li tinsab f'reklam imtella' online, il-pubblikazzjoni ta' reklam fuq suq online għandha ġeneralment l-għan li tippromwovi fost il-pubbliku l-prodott jew is-servizz offrut minn utent li jirreklama. Dan l-għan huwa għalhekk iddeterminat mill-utent li jirreklama kkonċernat. Min-naħa l-oħra, l-operatur ta' dan is-suq online ma jidhirx li jeżerċita influwenza, għal finijiet speċifiċi għalih, fuq ir-raġuni li għaliha dawn ir-reklami jiġu ppubblikati. Il-kawża li għandna quddiemna hija eżempju perfett ta' din l-ispeċifiċità tal-funzjonament ta' suq online. Fil-fatt, ir-reklam kontenzjuż tqiegħed online mhux sabiex jippromwovi s-servizz ta' utent li jirreklama, iżda sabiex jikkawża dannu lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali. L-operatur ma eżerċitax influwenza fuq il-motivazzjoni ħażina tal-awtur ta' dan ir-reklam.

114. Fir-rigward tad-determinazzjoni tal-*mezzi tal-ipproċessar*, huwa l-utent li jirreklama li jeżerċita influwenza fuq ir-risposta għad-domanda dwar kif id-data tiġi pproċessata. Fil-fatt, l-utent li jirreklama jiddeċiedi jekk data tiġix inkluża fir-reklam u, jekk iva, liema data. Min-naħa l-oħra, huwa probabbli ħafna li l-operatur ta' suq online lanqas biss ikun konxju tal-fatt li reklam ikun fih data personali. Barra minn hekk, għalkemm huwa minnu li dan l-operatur jiddetermina t-tqassim tal-paġna tar-reklami u ta' aspetti tekniċi u organizzattivi oħra tal-funzjonament ta' dan is-suq online, nosserva, fid-dawl tal-osservazzjonijiet li ppreżentajt fil-punt 109 ta' dawn il-konklużjonijiet, li l-influwenza tal-imsemmi operatur fuq id-determinazzjoni tal-mezzi mhux essenzjali tal-ipproċessar madankollu ma timplikax li dan għandu jitqies bħala kontrollur.

115. Għalhekk, l-operatur ta' suq online, bħal Russmedia, ma jidhirx li jeżerċita influwenza, għall-finijiet speċifiċi għalih, fuq id-determinazzjoni tal-għan u tal-mezzi tal-ipproċessar tad-data personali eventwalment inkluża fir-reklami li jittellgħu fuq dan is-suq online. Jekk dan l-operatur

ikun involut fl-ipproċessar ta' din id-data, huwa jaġixxi bħala proċessur, f'isem utent li jirreklama u taħt ir-responsabbiltà tiegħu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, huma l-utenti ta' servizz ta' hosting li għandhom jiġu kklassifikati bħala "kontrolluri", fis-sens tal-GDPR [49].

116. Fid-dawl tal-ispeċifiċità ta' din il-kawża, għandhom isiru xi preċiżazzjonijiet addizzjonali għall-kunsiderazzjonijiet li għadni kif ippreżentajt.

117. Fl-ewwel lok, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk, taħt il-GDPR, suġġett tad-data jistax jitqies bħala l-kontrollur tad-data personali tiegħu stess [50], għandu jiġi osservat li, f'dan il-każ, il-persuna li qiegħdet ir-reklam kontenzjuż online ma kinitx hija stess ikkonċernata mid-data li tinsab f'dan ir-reklam.

118. Fit-tieni lok, skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu tas-suq online tagħha, Russmedia tirriżerva d-dritt li tuża l-informazzjoni maħżuna fuq talba tal-utenti li jirreklamaw. Hija tista' tikkopjaha, tqassamha, tittrażmettiha, tippubblikaha, tirriproduċiha, timmodifikaha, tittraduċiha, tittrasferiha lil imsieħba u tħassarha fi kwalunkwe ħin, mingħajr lanqas ma jkollha bżonn raġuni sabiex tagħmel dan. Ladarba tali azzjoni tinbeda fir-rigward tad-data li tinsab f'reklam, din il-kumpannija tista' tiġi kkunsidrata bħala kontrollur fir-rigward ta' operazzjoni ta' pproċessar speċifika, bl-obbligi u bir-responsabbiltajiet kollha li jirriżultaw minn dan. Effettivament, persuna tista' tkun responsabbli għall-operazzjonijiet ta' pproċessar li hija tiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tagħhom. Min-naħa l-oħra, u bla ħsara għal eventwali responsabbiltà ċivili prevista mid-dritt nazzjonali f'dan ir-rigward, din il-persuna ma tistax titqies li hija responsabbli, fis-sens tal-GDPR, għall-operazzjonijiet preċedenti jew sussegwenti fil-katina tal-ipproċessar li fir-rigward tagħhom hija la tiddetermina l-għanijiet u lanqas il-mezzi [51].

119. Fit-tielet lok, il-kunsiderazzjonijiet li għadni kif għamilt jikkorrispondu għall-pożizzjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-"Artikolu 29" [52], fl-Opinjoni 1/2010 tiegħu dwar il-kunċetti ta' "kontrollur" u ta' "proċessur" tas-16 ta' Frar 2010 [53]. Fil-fatt, skont dan il-grupp ta' ħidma, fornitur ta' aċċess għall-Internet li joffri servizzi ta' ħżin huwa, bħala prinċipju, proċessur tad-data personali ppubblikata online mill-klijenti tiegħu, li jużaw dan il-fornitur għall-hosting u għall-manutenzjoni tas-sit internet tagħhom. Jekk, min-naħa l-oħra, tali fornitur jipproċessa d-data li huwa jaħżen għal finijiet personali, huwa jsir il-kontrollur fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' pproċessar ikkonċernati. Barra minn hekk, din il-pożizzjoni tikkorrispondi wkoll għal dik tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fil-Linji Gwida 07/2020 tiegħu dwar il-kunċetti ta' kontrollur u ta' proċessur fil-GDPR, adottati fis-7 ta' Lulju 2021 [54], li jipprovdu li fornitur ta' servizzi ta' hosting li ma jiddeterminax jekk id-data li għaliha huwa jipprovdi hosting hijiex data personali u ma jwettaq ebda pproċessar ieħor ħlief il-ħżin f'isem il-klijent tiegħu huwa proċessur.

[49] Ara, f'dan is-sens, van der Sloot, B., "Welcome to the Jungle: The Liability of Internet Intermediaries for Privacy Violations in Europe", J *ipitec*, vol. 6, Nru 3, 2015, p. 217.

[50] Ara, dwar din il-kwistjoni, Helberger, N, u van Hoboken, J, "Little Brother Is Tagging You – Legal and Policy Implicatons of Amateur Data Controllers", *Computer Law International* (*CRi*), Nru 4, 2010,, p. 101 *et seq*., u Finck, M., "Cobwebs of Control: The Two Imaginations of the Data Controller in EU Law", *International Data Privacy Law*, vol. 11, Nru 4, 2021, p. 338 sa 341.

[51] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, Fashion ID (C-40/17, EU:C:2019:629, punt 74).

[52] Bid-dħul fis-seħħ tal-GDPR, dan il-grupp ta' ħidma ġie ssostitwit mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (ara l-Artikolu 68 u l-Artikolu 94(2) ta' dan ir-regolament).

[53] Disponibbli fuq l-indirizz tal-internet li ġej: https://ec.europa.eu/justice/article-29/documentation/opinion-recommendation/files/2010/wp169_mt.pdf, p. 27.

[54] Disponibbli fuq l-indirizz tal-internet li ġej: https://www.edpb.europa.eu/system/files/2023-10/edpb_guidelines_202007_controllerprocessor_final_fr.pdf, punt 40.

120. Għalhekk, suġġett għall-verifiki fattwali li għandhom jitwettqu mill-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, fil-fehma tiegħi, tiġbed l-attenzjoni ta' din il-qorti għall-opportunità li tqis mill-ġdid il-klassifikazzjoni ta' Russmedia. Fil-fatt, bħall-Kummissjoni, jiena tal-fehma li din il-kumpannija ma għandhiex rwol ta' kontrollur, iżda ta' proċessur, fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' pproċessar li jirriżultaw mill-pubblikazzjoni tar-reklam kontenzjuż. Huwa fuq il-bażi ta' din il-premessa li issa ser neżamina t-tieni sar-raba' domanda.

2. L-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-operatur ta' suq online

a) Il-każ fejn l-operatur ta' suq online jitqies bħala proċessur fir-rigward tal-ipproċessar tad-data li tinsab fir-reklami

121. Fil-kuntest tal-obbligi u tar-responsabbiltajiet imposti fuq l-operatur ta' suq online abbażi tal-GDPR, huwa rilevanti li ssir distinzjoni bejn, minn naħa, l-ipproċessar tad-data personali li tinsab fir-reklami ppubblikati fuq dan is-suq u, min-naħa l-oħra, l-ipproċessar tad-data tal-utenti li jirreklamaw li joħolqu kont ma' dan l-operatur.

1) L-ipproċessar tad-data li tinsab fir-reklami

122. Fil-każ fejn, fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali li tinsab fir-reklami, Russmedia kienet effettivament proċessur, hija ma kellhiex l-obbligu li tivverifika jekk l-ipproċessar kienx awtorizzat u legali. Fil-fatt, kif diġà indikajt[55], skont id-dispożizzjonijiet imsemmija fit-tieni domanda, huwa l-kontrollur li jassumi r-responsabbiltà għall-osservanza tal-prinċipji relatati mal-ipproċessar tad-data personali. Fl-istess spirtu, skont id-dispożizzjonijiet imsemmija fit-tielet domanda, il-proċessur lanqas ma huwa obbligat li jivverifika minn qabel il-kontenut tal-informazzjoni li hija s-suġġett tal-operazzjonijiet ta' pproċessar.

123. F'dak li jirrigwarda r-raba' domanda, din hija intiża sabiex tistabbilixxi jekk Russmedia kellhiex tieħu miżuri ta' sigurtà sabiex tostakola jew tillimita l-ikkupjar jew id-distribuzzjoni mill-ġdid tal-kontenut tar-reklami li fihom data personali. Din id-domanda tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(1)(b) u (f) u tal-Artikoli 24 u 25 tal-GDPR. Min-naħa tagħhom, anki dawn id-dispożizzjonijiet jirrigwardaw l-obbligi imposti fuq il-kontrollur u mhux dawk imposti fuq il-proċessur.

124. Dan espost, l-Artikolu 32 tal-GDPR jispeċifika l-obbligi tal-kontrollur u ta' eventwali proċessur fir-rigward tas-sigurtà ta' dan l-ipproċessar[56].

125. B'mod iktar preċiż, l-Artikolu 32(1) tal-GDPR jipprovdi li l-kontrollur u l-proċessur għandhom jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa sabiex jiżguraw livell ta' sigurtà xieraq għar-riskju tal-ipproċessar, filwaqt li jikkunsidraw l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, l-ispejjeż tal-implimentazzjoni iżda wkoll in-natura, l-ambitu, il-kuntest u l-għanijiet tal-ipproċessar kif ukoll ir-riskji. Bl-istess mod, l-Artikolu 32(2) ta' dan ir-regolament jistabbilixxi li, fl-evalwazzjoni tal-livell ta' sigurtà xieraq, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari r-riskji li jippreżenta l-ipproċessar, li jirriżultaw b'mod partikolari mill-qerda, mit-telf, mill-bidla, mill-iżvelar mhux awtorizzat ta' data personali, jew mill-aċċess mhux awtorizzat għal tali data, li jkun aċċidentali jew illegali.

[55] Ara l-punt 102 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[56] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Jannar 2024, MediaMarktSaturn (C-687/21, EU:C:2024:72).

126. Sa fejn l-Artikolu 32(2) tal-GDPR jikkonċerna l-obbligi ta' proċessur, din id-dispożizzjoni tippreżupponi li l-ipproċessar tad-data konformement mal-istruzzjonijiet tal-kontrollur huwa awtorizzat u legali. Proċessur ma jistax ikun obbligat jikkontrolla l-azzjonijiet tal-kontrollur li f'ismu huwa jipproċessa d-data. Min-naħa l-oħra, huwa għandu jadotta miżuri intiżi li jiggarantixxu s-sigurtà tal-ipproċessar tad-data personali kontra l-indħil ta' terzi. Fil-fatt, l-Artikolu 32(1) ta' dan ir-regolament jagħti forma konkreta, essenzjalment, lill-prinċipji ta' integrità u ta' kunfidenzjalità stipulati fl-Artikolu 5(1)(f) tiegħu [57]. Konformement ma' dawn il-prinċipji, id-data trid tiġi pproċessata minn jew f'isem il-kontrollur b'mod li tkun żgurata s-sigurtà xierqa ta' tali data, inkluża l-protezzjoni mill-ipproċessar mhux awtorizzat jew illegali u kontra t-telf.

127. Jekk ir-reklami mtella' fuq suq online jistgħu jiġu riprodotti mill-operaturi ta' siti oħra, konformement mat-termini u mal-kundizzjonijiet tal-użu ta' dan is-suq, elenkati fuqu u li, għalhekk, huma magħrufa minn qabel mill-utenti li jirreklamaw, il-proċessur għandu jimplimenta miżuri li jippermettulu jiġġenera t-tneħħija tar-reklami mħassra mill-pjattaforma tiegħu stess. Fil-fatt, jista' jirriżulta li l-ipproċessar ma jkunx, jew ma jkunx għadu, legali u l-pjattaforma li permezz tagħha ssir id-distribuzzjoni mill-ġdid ta' reklam għandha tkun f'pożizzjoni li ttemm ksur tal-GDPR anki mal-imsieħba tagħha. Tali riżultat huwa konsistenti ma' dak li jirrigwarda l-osservanza, minn fornitur ta' servizz ta' hosting, tal-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva 2000/31 [58].

128. Min-naħa l-oħra, għall-kuntrarju ta' dak li donnha tinsinwa l-qorti tar-rinviju fir-raba' domanda, ma jidhirlix li proċessur għandu jkun obbligat jipprekludi jew jillimita l-ikkupjar jew id-distribuzzjoni mill-ġdid tar-reklami li jkun fihom data personali. Ma huwiex f'idejn il-proċessur li jiddetermina min jista' jaċċedi għalihom u kif.

2) L-ipproċessar tad-data tal-utenti li jirreklamaw

129. L-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-operatur ta' suq online huma ikbar fir-rigward tal-ipproċessar tad-data tal-utenti li jirreklamaw li joħolqu kont ma' dak l-operatur. Fil-kuntest ta' dan l-ipproċessar, l-operatur huwa l-kontrollur u l-Artikoli 24 u 25 tal-GDPR japplikaw kompletament għalih [59].

130. L-Artikolu 24 tal-GDPR jipprevedi obbligu ġenerali, impost fuq il-kontrollur, sabiex jimplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa sabiex jiżgura ruħu li l-ipproċessar tad-data jitwettaq f'konformità ma' dan ir-regolament. L-Artikolu 25 tal-imsemmi regolament jimponi fuq il-kontrollur l-obbligu li jimplimenta, kemm fil-mument tad-determinazzjoni tal-mezzi tal-ipproċessar kif ukoll fil-mument tal-ipproċessar innifsu, miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa li huma intiżi sabiex jimplimentaw il-prinċipji relatati mal-protezzjoni tad-data b'mod effettiv u sabiex l-ipproċessar ikun akkumpanjat bil-garanziji neċessarji sabiex ir-rekwiżiti tal-istess regolament jiġu ssodisfatti u sabiex d-drittijiet tal-persuna kkonċernata jiġu protetti.

[57] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, Krankenversicherung Nordrhein (C-667/21, EU:C:2023:1022, punt 68).

[58] Ara l-punt 93 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[59] Ara l-punt 111 ta' dawn il-konklużjonijiet.

131. Kif jirriżulta mill-Artikoli 24 u 25 tal-GDPR, il-miżuri inkwistjoni għandhom jindirizzaw ir-riskji speċifiċi għall-kuntest li fih tiġi pproċessata d-data personali. L-identifikazzjoni ta' riskji speċifiċi u d-determinazzjoni tal-mezzi xierqa għandhom, ċertament, jitħallew għall-evalwazzjoni tal-qorti tar-rinviju, li għandha l-punti ta' fatt kollha li jikkonċernaw il-kriterji kollha rilevanti fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet, nixtieq madankollu nżid il-preċiżazzjonijiet li ġejjin.

132. Kif tipprovdi l-premessa 75 tal-GDPR, l-ipproċessar tad-data jista' joħloq riskji għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-persuni fiżiċi, b'mod partikolari meta dan jista', fost l-oħrajn, iwassal għal użurpazzjoni tal-identità u meta s-suġġetti tad-data jistgħu jiġu preklużi milli jeżerċitaw kontroll fuq id-data personali tagħhom. Fil-fatt, b'mod ġenerali, identità tiġi użurpata bl-għan li jitwettqu azzjonijiet frawdolenti, għad-detriment tal-persuna kkonċernata jew ta' terzi. Barra minn hekk, fir-rigward tal-pjattaformi online, l-użu irresponsabbli tagħhom jista' jwassal għal ksur tad-drittijiet tal-persuni fiżiċi u l-prospett, fir-rigward tal-persuna responsabbli għal dan il-ksur, li din taġixxi b'impunità sħiħa jaggrava dawn ir-riskji.

133. Għalhekk, jekk il-kontrollur jopera suq online aċċessibbli għall-utenti li jirreklamaw li, meta jużaw dan is-suq, jistgħu jużurpaw l-identità ta' persuna oħra għal finijiet frawdolenti, huwa għandu jimplimenta miżuri li jippermettulu jnaqqas dan ir-riskju. Kif jeżiġi l-Artikolu 25 tal-GDPR, sabiex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti ta' dan ir-regolament u sabiex jiġu protetti d-drittijiet tas-suġġett tad-data, dan ir-riskju għandu jittieħed inkunsiderazzjoni mill-kontrollur kemm fil-mument tad-determinazzjoni tal-mezzi tal-ipproċessar kif ukoll fil-mument tal-ipproċessar innifsu.

134. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-operatur ta' suq online għandu, fil-fehma tiegħi, jipprevedi miżuri tekniċi jew organizzattivi li jippermettulu jivverifika l-identità tal-utenti li jirreklamaw. Fil-fatt, tali verifika, minn naħa, tillimita r-riskju ta' pproċessar illegali jew żleali tad-data personali fir-rigward tal-persuna kkonċernata u, min-naħa l-oħra, tippermetti li jiġi miġġieled l-użu irresponsabbli ta' dan is-suq online, peress li din tikkonfuta s-sentiment ta' impunità tal-utenti anonimi.

135. Għandi nippreċiża li l-preżunzjoni tal-użu anonimu tal-internet ma teskludix il-verifika tal-identità tal-utenti li jirreklamaw. Id-data ta' utent li jirreklama ma tistax tkun aċċessibbli għal kull utent ta' pjattaforma. Din tista' tiġi vverifikata u miżmuma biss mill-kontrollur sabiex huwa jkun jista' jikkonforma ruħu mal-obbligi tiegħu taħt il-GDPR. Bħala verifika, l-operatur jista' jitlob li jingħata numru tat-telefon u jużah biex jikkonferma r-reġistrazzjoni. Tali soluzzjoni ma hijiex xi ħaġa mhux tas-soltu għall-pjattaformi online.

136. Huwa minnu li tali miżura ma tippermettix li jiġi eliminat kull riskju ta' użurpazzjoni ta' identità. Madankollu, il-GDPR jimponi biss fuq il-kontrollur l-obbligu li jadotta miżuri tekniċi u organizzattivi biex jevita, sa fejn possibbli, kull ksur ta' data personali[60]. Għaldaqstant, dan ma huwiex obbligu fir-rigward ta' riżultat, iżda obbligu ta' mezz. Fi kwalunkwe każ, id-deċiżjoni tar-rinviju tagħti x'tifhem li Russmedia ma implimentat ebda miżura li tippermettilha twettaq kontroll tal-identità tal-awtur tar-reklam kontenzjuż fil-mument tar-reġistrazzjoni jew tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-reklam.

137. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nipproponi li r-risposta għat-tieni sar-raba' domanda għandha tkun li l-Artikolu 5(1)(f), l-Artikolu 6(1)(a) u l-Artikoli 7, 24 u 25 tal-GDPR għandhom jiġu interpretati fis-sens li fornitur ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li l-attività tiegħu tikkonsisti fil-hosting fuq sit internet ta' reklami mingħajr ħlas jew bi ħlas fuq talba tal-utenti tiegħu jaġixxi

[60] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2023, Natsionalna agentsia za prihodite (C-340/21, EU:C:2023:986, punt 30).

fil-kwalità ta' proċessur fir-rigward tad-data personali li tinsab fir-reklami li jittellgħu fuq is-suq online tiegħu. F'dan il-kuntest, huwa ma huwiex obbligat li jivverifika l-kontenut tar-reklami ppubblikati jew li jimplimenta miżuri ta' sigurtà ta' natura li jipprekludu jew jillimitaw l-ikkupjar u d-distribuzzjoni mill-ġdid tal-kontenut tar-reklami ppubblikati permezz tiegħu. Madankollu, huwa għandu jimplimenta miżuri organizzattivi u tekniċi xierqa biex jiżgura s-sigurtà tal-ipproċessar fir-rigward ta' terzi. Min-naħa l-oħra, tali fornitur jaġixxi fil-kwalità ta' kontrollur fir-rigward tad-data personali tal-utenti li jirreklamaw irreġistrati fuq is-sit internet tiegħu. F'dan il-kuntest, huwa għandu jivverifika l-identità ta' dawn l-utenti li jirreklamaw.

138. Issa ser neżamina fil-qosor, għal finijiet ta' kompletezza u fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx mal-analiżi tiegħi, l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-operatur ta' suq online meqjus bħala kontrollur, fis-sens tal-Artikolu 4(7) tal-GDPR, fir-rigward tad-data personali li tinsab fir-reklami mtellgħin fuq is-suq online. Fil-fatt, kif diġà semmejt [61], jidher li t-tieni sar-raba' domanda huma bbażati fuq il-premessa li Russmedia taġixxi bħala "kontrollur".

b) Il-każ fejn l-operatur ta' suq online jitqies bħala kontrollur tad-data li tinsab fir-reklami

139. Preliminarjament, nosserva li l-fatt li l-operatur ta' suq online huwa kontrollur ma jfissirx neċessarjament li utent li jirreklama fuq dan is-suq online ma jistax, huwa wkoll, jitqies bħala kontrollur [62].

140. Fil-fatt, il-GDPR jirrikonoxxi l-eżistenza ta' responsabbiltà konġunta li ma tammontax, neċessarjament, għal responsabbiltà ekwivalenti tad-diversi operaturi kkonċernati mill-ipproċessar ta' data personali. Għall-kuntrarju, dawn l-operaturi jistgħu jkunu involuti fi stadji differenti tal-ipproċessar u fi gradi differenti, b'tali mod li l-livell ta' responsabbiltà ta' kull wieħed minnhom għandu jiġi evalwat billi jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ inkwistjoni.

141. Madankollu, ser niffoka fuq l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-operatur ta' suq online sa fejn din il-kawża tirrigwarda r-responsabbiltà ta' tali operatur għall-ipproċessar tad-data personali li tinsab f'reklam imtella' fuq is-suq online tiegħu.

142. It-tieni u t-tielet domanda huma intiżi sabiex jiġi ddeterminat jekk l-operatur ta' sit internet huwiex obbligat li jivverifika, qabel il-pubblikazzjoni ta' reklam, rispettivament, kemm l-identità tal-persuna li ttella' r-reklam u dik tal-persuna li hija s-suġġett ta' dan ir-reklam, kif ukoll il-kontenut tar-reklami mibgħuta mill-utenti.

143. F'dan ir-rigward, mhux konvint li l-operatur ta' suq online huwa obbligat li jiżgura li l-utent li jirreklama huwa effettivament il-persuna kkonċernata mid-data li tinsab f'reklam. Fil-fatt, suq online jista' jintuża wkoll minn utent li jirreklama biex jippubblika reklam dwar persuna oħra.

144. Madankollu, kontrollur għandu jivverifika jekk l-ipproċessar tad-data personali huwiex ibbażat fuq il-kunsens tas-suġġett tad-data jew jekk huwiex ibbażat fuq bażi leġittima oħra stabbilita mil-liġi. Tali obbligu huwa impost fuqu mill-Artikolu 5(1)(a), mill-Artikolu 6(1) u mill-Artikolu 7(1) tal-GDPR.

[61] Ara l-punt 99 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[62] Ara, dwar din il-kwistjoni, il-punt 115 ta' dawn il-konklużjonijiet.

145. Għalhekk, jekk l-operatur ta' suq online jaġixxi bħala kontrollur, huwa għandu jiżgura li l-persuna li d-data tagħha tinsab f'reklam tkun tat il-kunsens tagħha għall-ipproċessar. Loġikament, huwa għandu wkoll jivverifika l-kontenut ta' kull reklam ippreżentat minn utent li jirreklama, sabiex jivverifika jekk dan jinkludix data personali.

146. Konformement mal-prinċipju ta' lealtà previst fl-Artikolu 5(1)(a) tal-GDPR, il-kontrollur għandu wkoll jiżgura li d-data tiġi pproċessata b'mod leali fir-rigward tas-suġġett tad-data. Barra minn hekk, skont l-Artikoli 24 u 25 ta' dan ir-regolament, huwa għandu jimplimenta wkoll miżuri tekniċi u organizzattivi biex jiżgura li l-ipproċessar jitwettaq konformement ma' dan ir-regolament. Meta jagħmel dan, huwa għandu jqis ir-riskji speċifiċi għall-kuntest li fih d-data tiġi pproċessata.

147. L-ipproċessar ta' data personali pubblikament aċċessibbli f'ambjent online jista' jwassal għal riskji għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-persuni fiżiċi u, b'mod partikolari, għal danni jew għal preġudizzju morali.

148. Meta l-operatur ta' suq online jkun responsabbli għall-ipproċessar tad-data li tinsab fir-reklami mtellgħin fuq dan is-suq, huwa jrid jivverifika r-reklami qabel il-pubblikazzjoni online tagħhom, jivverifika jekk l-ipproċessar tagħhom huwiex ibbażat fuq il-kunsens tas-suġġett tad-data jew jekk huwiex ibbażat fuq bażi leġittima oħra stabbilita mil-liġi u jintroduċi miżuri kontra l-ipproċessar dannuż għas-suġġetti tad-data. Jekk ma josservax dawn il-prinċipji, huwa jista' jinżamm responsabbli għall-ksur ta' dan ir-regolament, konformement mal-Artikolu 82 tal-GDPR.

149. Ir-raba' domanda tistaqsi jekk l-operatur ta' suq online għandux jimplimenta miżuri ta' sigurtà li jkunu ta' natura li jipprekludu jew jillimitaw l-ikkupjar u d-distribuzzjoni mill-ġdid tal-kontenut tar-reklami ppubblikati permezz tiegħu.

150. Jekk, meqjus il-kuntest li fih jitwettaq l-ipproċessar, ikun possibbli li r-reklami jiġu riprodotti minn siti oħra u li d-data personali tiġi pproċessata ulterjorment b'mod li jkun inkompatibbli mal-għanijiet li għalihom din tkun inġabret, il-kontrollur jista' jipprevedi l-implimentazzjoni ta' tali miżuri, li għandhom ikunu xierqa. Madankollu, mhux konvint li l-operatur ta' suq online, li, mill-perspettiva tal-operatur u tal-utenti li jirreklamaw, jislet is-sens ekonomiku tiegħu mill-fatt li r-reklami li ttellgħu fuq is-suq tiegħu huma pubblikament aċċessibbli, għandu jkun obbligat li jillimita d-distribuzzjoni mill-ġdid tagħhom. Barra minn hekk, l-għan abitwali tat-tqegħid online ta' kontenut ġeneralment huwa li dan isir aċċessibbli għall-utenti kollha tal-internet, u dan jimplika forma ta' distribuzzjoni mill-ġdid. Fi kwalunkwe każ, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li ppreżentajt fil-punt 148 ta' dawn il-konklużjonijiet, ir-reklam kontenzjuż ma kellux jiġi ppubblikat fuq is-suq online ta' Russmedia mingħajr il-kunsens tas-suġġett tad-data.

151. Bla ħsara għar-rimarki addizzjonali esposti iktar 'il fuq, dwar l-obbligi u r-responsabbiltajiet ta' kontrollur, jiena nikkonferma l-pożizzjoni tiegħi li l-operatur ta' suq online huwa proċessur tad-data personali li tinsab fir-reklami mtellgħin fuq dak is-suq [63]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għad trid tiġi eżaminata r-rabta bejn id-Direttiva 2000/31 u l-GDPR.

[63] Ara l-punt 137 ta' dawn il-konklużjonijiet.

C. Fuq ir-rabta bejn is-sistema tad-Direttiva 2000/31 u dik tal-GDPR

152. It-tieni u t-tielet domanda jirrigwardaw, b'mod partikolari, l-Artikolu 2(4) tal-GDPR, li jirrigwarda r-rabta bejn dan ir-regolament u d-Direttiva 2000/31. Barra minn hekk, dawn jirrigwardaw kemm id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament li jiddeterminaw l-obbligi u r-responsabbiltajiet ta' kontrollur kif ukoll l-Artikolu 15 ta' din id-direttiva. Għalhekk jidher li dawn id-domandi jippreżumu l-applikazzjoni parallela tal-GDPR u tal-imsemmija direttiva.

153. Madankollu rrid nirrileva, qabel ma nindirizza tali applikazzjoni parallela ta' dawn iż-żewġ strumenti tad-dritt tal-Unjoni (it-Taqsima 2), li teżisti ċerta tensjoni bejn l-ipoteżi msemmija fl-ewwel domanda u dik imsemmija fit-tieni sar-raba' domanda (it-Taqsima 1).

1. Fornitur ta' servizzi ta' hosting newtrali bħala kontrollur

154. Bħala tfakkira, mill-analiżi tiegħi jirriżulta li Russmedia kienet qiegħda taġixxi bħala proċessur fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali li tinsab fir-reklami ppubblikati fuq is-suq online tagħha [64]. Min-naħa l-oħra, l-ipoteżi li biha ħadmet il-qorti tar-rinviju hija li din il-kumpannija kienet qiegħda taġixxi bħala kontrollur. F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-deċiżjoni tar-rinviju tqajjem il-kwistjoni dwar jekk l-operatur ta' suq online jistax jilbes żewġ kpiepel, jiġifieri dak ta' fornitur ta' servizzi ta' hosting newtrali tal-informazzjoni maħżuna fuq talba tal-utenti tas-servizz tiegħu, fis-sens tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31, u dak ta' kontrollur tad-data personali li tinsab f'din l-informazzjoni. Fil-fatt, minn naħa, l-ewwel domanda hija intiża sabiex jiġi stabbilit jekk Russmedia hijiex intermedjarju li jipprovdi servizz, fis-sens tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu II ta' din id-direttiva. Min-naħa l-oħra, it-tieni sar-raba' domanda jidhru li jitilqu mill-premessa li din il-kumpannija għandha tiġi kklassifikata bħala "kontrollur", fis-sens tal-GDPR.

155. F'dan ir-rigward, jiena konxju li, fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ma eskludietx li kontrollur tad-data personali fis-sens tal-GDPR jista' jkollu rwol newtrali fir-rigward tal-informazzjoni li fiha din id-data u jibbenefika mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31. Tali osservazzjoni saret ukoll mill-awturi tad-duttrina f'dak li jikkonċerna l-ġurisprudenza nazzjonali [65].

156. Ċertament, għall-ewwel, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, fis-sentenza Google Spain u Google, li l-operatur ta' mutur ta' tfittxija huwa kontrollur fir-rigward tad-data personali, li tinsab fl-informazzjoni ppubblikata jew imqiegħda fuq l-internet minn terzi, li tkun illokalizzata, elenkata f'indiċi u maħżuna minn dan l-operatur [66]. Wara dan, fis-sentenza Google France u Google, il-Qorti eżaminat il-kwistjoni ta' jekk l-operatur ta' dan l-istess mutur ta' tfittxija jistax jibbenefika mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 [67]. Madankollu, din it-tieni sentenza ma kinitx tikkonċerna l-operat tal-imsemmi mutur ta' tfittxija, iżda servizz ta' referenzar. Barra minn hekk, f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja fdat f'idejn il-qorti tar-rinviju l-evalwazzjoni dwar jekk ir-rwol eżerċitat minn dan l-operatur kienx jikkorrispondi għal dak ta' intermedjarju li jipprovdi servizz, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni [68].

[64] Ara l-punt 120 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[65] Ara, f'dan is-sens, Keller, D., "The Right Tools: Europe's Intermediary Liability Laws and the EU 2016 General Data Protection Regulation", *Berkeley Technology Law Journal*, vol. 33, Nru 1, 2018, p. 373.

[66] Ara s-sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google (C-131/12, EU:C:2014:317).

[67] Ara s-sentenza tat-23 ta' Marzu 2010, Google France u Google (C-236/08 sa C-238/08, EU:C:2010:159, punti 106 sa 120).

[68] Ara s-sentenza tat-23 ta' Marzu 2010, Google France u Google (C-236/08 sa C-238/08, EU:C:2010:159, punti 114 sa 119).

157. Iktar importanti minn hekk, minn naħa, kif diġà indikajt [69], intermedjarju li jipprovdi servizz, fis-sens intiż mil-leġiżlatur fit-Taqsima 4 tal-Kapitolu II tad-Direttiva 2000/31, ma jistax ikollu rwol li jagħtih konjizzjoni jew kontroll fuq id-data maħżuna u għandu għalhekk jillimita ruħu għal provvista newtrali tas-servizz tiegħu permezz ta' pproċessar purament tekniku. Min-naħa l-oħra, ir-rwol tal-kontrollur jinvolvi d-determinazzjoni tal-għan u tal-mezzi tal-ipproċessar ta' data personali u, b'mod partikolari, l-eżerċitar ta' influwenza fuq jekk data hijiex suġġetta għal operazzjonijiet ta' pproċessar bħar-reġistrazzjoni, il-modifika jew it-tixrid u, jekk ikun il-każ, fuq id-determinazzjoni ta' tali data [70]. L-eżerċizzju ta' tali influwenza huwa inkompatibbli mar-rwol newtrali li fornitur ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni għandu jżomm, fir-rigward ta' informazzjoni maħżuna fuq talba tal-utenti, sabiex ikun jista' jibbenefika mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31. Bl-istess mod, kif spjegajt [71], il-GDPR jimponi fuq il-kontrollur obbligi u responsabbiltajiet li jirrikjedu li huwa jaġixxi b'mod proattiv. Essenzjalment, sabiex josserva l-prinċipji relatati mal-ipproċessar tad-data personali, il-kontrollur għandu jkollu konjizzjoni tad-data kkonċernata u jeżerċita kontroll fuqha. Tali kontroll lanqas ma jista' jiġi rrikonċiljat mar-rwol newtrali ta' tali fornitur.

158. Għalhekk, jekk, minn naħa, servizz ta' hosting jikkonsisti fil-ħażna ta' informazzjoni li, mill-perspettiva tal-GDPR, tikkostitwixxi data personali u jekk, min-naħa l-oħra, il-fornitur ta' dan is-servizz jitqies li huwa kontrollur, fis-sens ta' dan ir-regolament, ir-rwol ta' dan il-fornitur ma jkunx limitat għal ħażna newtrali ta' tali informazzjoni. Konsegwentement, il-fornitur ta' tali servizz jassumi rwol attiv f'dak li jirrigwarda din l-informazzjoni u huwa eskluż milli jibbenefika mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31.

159. It-tensjoni li teżisti bejn l-ipoteżi msemmija fl-ewwel domanda u dik imsemmija mit-tieni sar-raba' domanda tikkorrobora l-interpretazzjoni tal-GDPR li tgħid li l-operatur ta' suq online ma jaġixxix fil-kwalità ta' kontrollur fir-rigward tad-data personali li tinsab fir-reklami li huwa jaħżen fuq talba tal-utenti li jirreklamaw, iżda fil-kwalità ta' proċessur ta' din id-data [72].

160. Jiena nindika, għal finijiet ta' kompletezza, li ma nistax neskludi li l-leġiżlatur tal-Unjoni għażel li ma jwarrabx il-possibbiltà li fornitur ta' servizzi ta' hosting li jaġixxi fil-kwalità ta' kontrollur tad-data jkun jista' jibbenefika mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà fil-kuntest tad-Digital Services Act. Fil-fatt, għalkemm dan ir-regolament ħassar l-Artikoli 12 sa 15 tad-Direttiva 2000/31 [73], dawn id-dispożizzjonijiet madankollu ġew riprodotti fih, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja. L-imsemmi regolament iżid, fl-Artikolu 7 tiegħu, li "[l]-fornituri tas-servizzi intermedjarji ma għandhomx jitqiesu ineliġibbli għall-eżenzjonijiet mir-responsabbiltà […] unikament għax, in bona fide u b'mod diliġenti jwettqu investigazzjonijiet volontarji fuq inizjattiva proprja […] *jew jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni*" [74]. L-ewwel parti ta' din id-dispożizzjoni relatata ma' "miżuri introdotti volontarjament minn fornitur" tippreżenta elementi komuni mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li diġà ġiet żviluppata taħt is-sistema tad-Direttiva 2000/31 [75]. It-tieni parti, relatata ma' "miżuri meħuda biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni", miżjuda mill-istess regolament, tippermetti li fornitur ta' servizzi ta' hosting jissodisfa l-obbligi imposti fuqu

[69] Ara l-punt 49 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[70] Ara l-punti 113 sa 115 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[71] Ara l-punt 148 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[72] Ara, dwar din il-klassifikazzjoni legali, il-punt 120 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[73] Ara l-Artikolu 89 tad-Digital Services Act.

[74] Korsiv miżjud minni.

[75] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza YouTube u Cyando (punt 115).

mill-GDPR u jżomm ir-rwol ta' intermedjarju li jipprovdi servizz newtrali. Madankollu, id-Direttiva 2000/31 ma tinkludix klawżola f'dan is-sens u ma hemmx lok li tiġi introdotta waħda permezz ta' interpretazzjoni ta' din id-direttiva.

161. Għad fadal li jiġi ddeterminat jekk attur involut fl-ipproċessar tad-data personali bħala proċessur, li, fir-rigward tal-ipproċessar ta' din id-data, jista' jinżamm responabbli għal ksur tal-GDPR, jistax jinvoka l-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31.

2. L-applikazzjoni parallela tal-GDPR u tad-Direttiva 2000/31

162. Il-problema mqajma mid-deċiżjoni tar-rinviju toriġina mill-fatt li informazzjoni maħżuna fuq talba ta' riċevitur tas-servizz kien fiha data personali li l-ipproċessar tagħha twettaq bi ksur tal-GDPR. Din hija l-oriġini tal-kwistjoni bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali u li, għal ħafna żmien, ilha tiġi diskussa fid-duttrina[76]: attur involut fl-ipproċessar ta' data personali, li jista' jinżamm responabbli għal ksur tal-GDPR, jista' jinvoka l-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31?

163. F'dan ir-rigward, irrid nosserva li, skont l-analiżi tiegħi ta' dawn iż-żewġ strumenti tad-dritt tal-Unjoni, il-fornitur ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li huwa l-kontrollur għad-data personali li tinsab fl-informazzjoni maħżuna fuq talba tal-utenti ta' dan is-servizz ma jistax jinvoka l-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31[77]. Konsegwentement, l-analiżi segwenti hija intiża biss sabiex jiġi ddeterminat jekk fornitur li jaġixxi bħala proċessur ta' tali data jistax jinvoka din l-eżenzjoni. Irrid infakkar li l-analiżi tiegħi tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR twassalni sabiex nippproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li Russmedia aġixxiet bħala proċessur[78].

164. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-qorti tar-rinviju ma tippreċiżax jekk, fil-kawża prinċipali, ir-responsabbiltà ta' Russmedia għal ksur tal-GDPR tistax tiġi stabbilita skont l-Artikolu 82 ta' dan ir-regolament jew skont ir-regoli tar-responsabbiltà ċivili previsti mid-dritt nazzjonali. Fil-fatt, il-ksur ta' regola dwar il-protezzjoni tad-data personali jista' fl-istess ħin iwassal għall-ksur ta' regoli oħra, bħal dawk fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi[79] u tad-drittijiet tal-personalità, u l-leġiżlatur tal-Unjoni ma kellux l-intenzjoni li jwettaq armonizzazzjoni eżawrjenti tar-rimedji disponibbli fil-każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-GDPR[80].

165. Fi kwalunkwe każ, fir-rigward tar-responsabbiltà ċivili, kemm id-Direttiva 2000/31 kif ukoll il-GDPR jinkludu dispożizzjonijiet li jipprovdu indikazzjonijiet dwar ir-rabta bejn dawn iż-żewġ atti tad-dritt tal-Unjoni.

[76] Skont ċerti awturi tad-duttrina, l-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 tapplika b'mod kumulattiv mal-GDPR. Ara, f'dan is-sens, Keller, D., "The Right Tools: Europe's Intermediary Liability Laws and the EU 2016 General Data Protection Regulation", *Berkeley Technology Law Journal*, vol. 33, Nru 1, 2018, p. 371, u Sartor, G., "Providers' Liabilities in the New EU Data Protection Regulation: A Threat to Internet Freedoms?", *International Data Privacy Law*, vol. 3, Nru 1, 2013, p. 5 u 8. Awturi oħra huma tal-fehma li dawn iż-żewġ sistemi ma jikkoinċidux. Ara, f'dan is-sens, Riordan, J., *The Liability of Internet Intermediairies*, Oxford Univeristy Press, Oxford, p. 383 u 384.

[77] Ara l-punt 157 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[78] Ara l-punt 120 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[79] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' April 2022, Meta Platforms Ireland (C-319/20, EU:C:2022:322, punt 78).

[80] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, Lindenapotheke (C-21/23, EU:C:2024:846, punt 60).

a) Fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2000/31

166. L-Artikolu 1(5)(b) tad-Direttiva 2000/31, intitolat "Għan u qasam [kamp] ta' applikazzjoni", jipprevedi li din id-direttiva ma hijiex applikabbli għall-kwistjonijiet li jirrigwardaw servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni koperti mir-regoli tad-dritt tal-Unjoni applikabbli fil-qasam tad-data personali. B'mod iktar konkret, din id-dispożizzjoni tirreferi għad-Direttivi 95/46 u 97/66, li ġew issostitwiti, rispettivament, bil-GDPR [81] u bid-Direttiva 2002/58/KE [82].

167. Barra minn hekk, il-premessa 14 tad-Direttiva 2000/31, li tikkonċerna l-problema msemmija fl-Artikolu 1(5) tagħha, tipprovdi li l-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali hija rregolata biss mid-Direttivi 95/46 u 97/66, "li huma kompletament applikabbli għal servizz minn [tas-]soċjetà ta' l-informazzjoni: dawn id-Direttivi diġà stabbilew qafas legali [tal-Unjoni] fil-qasam ta' data personali u għalhekk mhux meħtieġ li din il-ħaġa tkun riferita [fid-Direttiva 2000/31] sabiex ikun assigurat il-funzjonament mingħajr xkiel tas-suq intern, partikolarment il-moviment liberu ta' data personali bejn Stati Membri; l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandu jsir b'konformità sħiħa mal-prinċipji li jirrigwardaw il-protezzjoni ta' data personali".

168. Fil-passat, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà eżaminat l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(5)(b) tad-Direttiva 2000/31.

169. Fil-fatt, fl-ewwel lok, fis-sentenza Promusicae [83], qamet il-kwistjoni dwar jekk id-dritt tal-Unjoni jimponix fuq l-Istati Membri l-obbligu li jipprevedu l-obbligu ta' żvelar, bl-għan li tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-awtur, ta' data personali fil-kuntest ta' proċedura ċivili. F'din il-kawża, il-qorti tar-rinviju għamlet riferiment għal diversi direttivi li, fil-fehma tagħha, setgħu jikkostitwixxu l-bażi legali ta' tali obbligu.

170. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li mill-Artikolu 1(5)(b) tad-Direttiva 2000/31 jirriżulta li tali obbligu, jekk jitqies li huwa previst minn din id-direttiva, ma jistax jippreġudika r-rekwiżiti relatati mal-protezzjoni tad-data personali [84]. Għalhekk jidher li l-Qorti tal-Ġustizzja donnha pprevediet l-applikazzjoni parallela tal-imsemmija direttiva u tal-istrumenti tad-dritt tal-Unjoni relatati mal-protezzjoni tad-data personali.

171. Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat, fis-sentenza La Quadrature du Net *et* [85], il-kwistjoni dwar jekk id-Direttiva 2000/31 tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi fuq il-fornituri ta' aċċess għal servizzi ta' komunikazzjoni lill-pubbliku online u fuq il-fornituri ta' servizzi ta' hosting l-obbligu ta' żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni ta' data personali relatata ma' dawn is-servizzi. Il-qorti tar-rinviju kkunsidrat li din il-kwistjoni kienet irregolata

[81] Skont l-Artikolu 94(2) tal-GDPR, ir-riferimenti magħmula għad-Direttiva 95/46 għandhom jinftiehmu bħala riferimenti għal dan ir-regolament.

[82] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika(Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514). Ir-riferimenti magħmula mid-dritt tal-Unjoni għad-Direttiva 97/66 għandhom jinftiehmu, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2002/58, bħala riferimenti għal din l-aħħar direttiva.

[83] Sentenza tad-29 ta' Jannar 2008 (C-275/06, EU:C:2008:54, punti 41 u 56).

[84] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Jannar 2008, Promusicae (C-275/06, EU:C:2008:54, punt 57).

[85] Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020 (C-511/18, C-512/18 u C-520/18, EU:C:2020:791, punt 193).

minn din id-direttiva u li l-Artikolu 15 tagħha ma kienx jistabbilixxi, fih innifsu, projbizzjoni, fuq livell ta' prinċipju, li tinżamm data dwar il-ħolqien ta' kontenut li minnha tista' ssir deroga biss b'mod eċċezzjonali [86].

172. Il-qorti tal-ġustizzja qieset li d-Direttiva 2000/31 ma hijiex applikabbli fil-qasam tal-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali fil-kuntest tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, peress li din il-protezzjoni hija, skont il-każ, irregolata mid-Direttiva 2002/58 jew mil-GDPR [87].

173. In-natura kategorika ta' din ir-risposta hija marbuta mal-kuntest li fih ingħatat din ir-risposta.

174. Fil-fatt, minn naħa, ma jistax jiġi injorat li l-premessa 15 tad-Direttiva 2000/31 tirrigwarda speċifikament il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u tipprevedi li, konformement mad-Direttiva 97/66, imsemmija fl-Artikolu 1(5)(b) tad-Direttiva 2000/31, "Stati Membri għandhom jipprojbixxu xi tip ta' intervent jew sorveljanza ta' komunikazzjonijiet bħal dawn minn oħrajn li mhumiex dawk li jibgħatu u jirċievu, ħlief meta legalment awtorizzati". Id-Direttiva 2002/58, li ssostitwixxiet id-Direttiva 97/66, tikkonferma din il-projbizzjoni u tiddetermina l-kundizzjonijiet li skonthom l-Istati Membri jistgħu jidderogaw minnha. Bl-istess mod, taħt il-GDPR, il-marġni ta' manuvra tal-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri ta' deroga relatati mal-protezzjoni tad-data personali huwa limitat għall-Artikolu 23 ta' dan ir-regolament.

175. Min-naħa l-oħra, sabiex tasal għall-konklużjoni mfakkra fil-punt 171 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-protezzjoni kemm tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet kif ukoll tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali hija rregolata biss mid-Direttiva 2002/58 jew mill-GDPR, "filwaqt li għandu jiġi spjegat li l-protezzjoni li d-Direttiva 2000/31 hija intiża li tagħti ma tistax fi kwalunkwe każ tippreġudika r-rekwiżiti li jirriżultaw mid-Direttiva 2002/58 u [mill-GDPR]" [88].

176. Għalhekk, minn naħa, il-ġurisprudenza dwar l-Artikolu 1(5)(b) tad-Direttiva 2000/31 tagħti x'tifhem li din id-direttiva ma tapplikax għal kwistjonijiet li huma s-suġġett ta' leġiżlazzjoni speċifika fil-kuntest tad-Direttiva 2002/58 u tal-GDPR. Min-naħa l-oħra, id-Direttiva 2000/31 u r-regoli tad-dritt tal-Unjoni applikabbli fil-qasam tad-data personali japplikaw b'mod parallel fir-rigward ta' kull kwistjoni oħra, iżda d-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva ma jistgħux jippreġudikaw ir-rekwiżiti marbuta mal-protezzjoni ta' tali data.

b) Fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-GDPR

177. L-interpretazzjoni li tajt fil-punt 176 ta' dawn il-konklużjonijiet hija kkorroborata mill-Artikolu 2(4) tal-GDPR, li jipprevedi li dan ir-regolament japplika "mingħajr preġudizzju" għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/31, b'mod partikolari tar-regoli dwar ir-responsabbiltà ta' fornituri ta' servizzi intermedjarji previsti fl-Artikoli 12 sa 15 ta' din id-direttiva [89].

[86] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, La Quadrature du Net *et* (C-511/18, C-512/18 u C-520/18, EU:C:2020:791, punt 194).

[87] Ara s-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, La Quadrature du Net *et* (C-511/18, C-512/18 u C-520/18, EU:C:2020:791, punt 212).

[88] Ara s-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, La Quadrature du Net *et* (C-511/18, C-512/18 u C-520/18, EU:C:2020:791, punt 200).

[89] Ara, wkoll, il-premessa 21 tal-GDPR.

178. Għalkemm, fit-terminoloġija tad-dritt tal-Unjoni, il-konstatazzjoni li strument legali jew waħda mid-dispożizzjonijiet tiegħu tapplika "mingħajr preġudizzju" għal strument ieħor tista' twassal għal soluzzjonijiet differenti, il-GDPR jippreċiża li huwa japplika mingħajr preġudizzju, b'mod partikolari, għad-dispożizzjonijiet speċifiċi tad-Direttiva 2000/31. Il-leġiżlatur tal-Unjoni għalhekk ried jenfasizza l-fatt li dan ir-regolament ma jillimitax il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' din id-direttiva. Għalhekk, ma jistax jitqies li l-GDPR jieħu prijorità fuq id-Direttiva 2000/31 minħabba li ġie adottat warajha.

c) Il-kummenti finali

179. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, kemm id-Direttiva 2000/31, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja [90], kif ukoll il-GDPR [91] huma strutturati b'mod li jippermetti l-applikazzjoni parallela tagħhom għal kwistjonijiet li ma humiex is-suġġett ta' leġiżlazzjoni speċifika fil-kuntest ta' dan ir-regolament. Għalhekk għad fadal li jiġi ddeterminat jekk il-GDPR fihx klawżola li taqdi rwol paragunabbli għal dak tal-Artikolu 14(1) ta' din id-direttiva.

180. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 82(3) tal-GDPR jipprovdi li kontrollur jew proċessur, skont il-każ, huwa eżentat mir-responsabbiltà għad-dannu kkawżat mill-ipproċessar li jikkostitwixxi ksur ta' dan ir-regolament "jekk jagħti prova li bl-ebda mod m'huwa responsabbli għall-avveniment li wassal għad-dannu". Fil-każ ta' ksur ta' data personali mwettaq minn "terz", fis-sens tal-punt 10 tal-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament, il-kontrollur jew il-proċessur jista' jeżenta ruħu mir-responsabbiltà tiegħu, abbażi tal-Artikolu 82(3) tal-istess regolament, billi jagħti prova li ma hemm ebda rabta kawżali bejn l-eventwali ksur li huwa jwettaq tal-obbligu ta' protezzjoni tad-data u d-dannu mġarrab mill-persuna fiżika [92].

181. Inqis li l-Artikolu 82(3) tal-GDPR ma jikkostitwixxix klawżola ta' eżenzjoni mir-responsabbiltà li għandha rwol paragunabbli għal dak tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31.

182. Fil-fatt, l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31 japplika biss jekk intermedjarju li jipprovdi servizz jista' jinżamm responsabbli, skont ir-regoli applikabbli għalih, għal informazzjoni maħżuna fuq talba tal-utenti tas-servizz ta' intermedjazzjoni tiegħu. Għalhekk, il-kwistjoni tal-applikabbiltà ta' din id-dispożizzjoni tqum biss jekk ikunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet għar-responsabbiltà ta' dan il-fornitur għall-informazzjoni maħżuna, previsti mir-regoli applikabbli. F'dan ir-rigward, il-kundizzjonijiet tad-dritt għal kumpens previst fl-Artikolu 82 tal-GDPR huma ddeterminati fil-paragrafi 1 sa 3 ta' dan l-artikolu. L-Artikolu 82(3) ta' dan ir-regolament jintroduċi kundizzjoni waħda biss għal din ir-responsabbiltà [93]. Fil-fatt, l-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-kontrollur, skont l-Artikolu 82 tal-imsemmi regolament, *huwa suġġett għall-eżistenza ta' nuqqas imwettaq minnu*, li huwa preżunt, sakemm dan tal-aħħar ma jagħtix prova li l-fatt li kkawża d-dannu bl-ebda mod ma huwa imputabbli lilu, fis-sens tal-paragrafu 3 [94].

[90] Ara l-punt 176 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[91] Ara l-punt 178 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[92] Ara s-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2023, Natsionalna agentsia za prihodite (C-340/21, EU:C:2023:986, punt 72).

[93] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, Krankenversicherung Nordrhein (C-667/21, EU:C:2023:1022, punt 94).

[94] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, Agentsia po vpisvaniyata (C-200/23, EU:C:2024:827, punt 163).

183. Għaldaqstant, proċessur li jista' jinżamm responsabbli taħt l-Artikolu 82 tal-GDPR ma huwiex eskluż mill-benefiċċju tal-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31.

184. Madankollu, wieħed ma jistax jinjora l-fatt li proċessur jista' jinżamm responsabbli taħt it-tieni sentenza tal-Artikolu 82(2) tal-GDPR biss jekk ma jkunx osserva l-obbligi previsti minn dan ir-regolament li huma speċifikament imposti fuq il-proċessuri jew jekk ma jkunx aġixxa skont l-istruzzjonijiet legali tal-kontrollur jew ikun aġixxa kontra tagħhom. L-obbligi u r-responsabbiltajiet ta' operatur ta' suq online li jaġixxi fil-kwalità ta' proċessur fir-rigward tad-data li tinsab fir-reklami ppubblikati fuq il-pjattaforma tiegħu huma għalhekk fuq kollox marbuta mal-Artikolu 32 tal-imsemmi regolament [95].

185. Dan premess, kif diġà semmejt, ma jidhirx b'mod ċar jekk, fil-kawża prinċipali, Russmedia tistax tinżamm responsabbli għal ksur tal-GDPR taħt l-Artikolu 82 ta' dan ir-regolament jew taħt id-dispożizzjonijiet nazzjonali. Jekk ir-responsabbiltà għal ksur tal-imsemmi regolament tista' tiġi stabbilita abbażi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali (b'tali mod li l-Artikolu 82(3) tal-istess regolament ma japplikax), ikun hemm saħansitra inqas raġunijiet sabiex l-entità kkonċernata tiġi eskluża mill-benefiċċju tal-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31.

186. Sabiex nikkonkludi, inqis li attur involut fl-ipproċessar ta' data personali bħala proċessur, li jista' jinżamm responabbli għal ksur tal-GDPR, jista' jinvoka l-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31. Il-konklużjoni tiegħi dwar ir-rabta bejn dawn iż-żewġ strumenti tad-dritt tal-Unjoni għalhekk ma hijiex tali li tibdel il-proposti tiegħi għar-risposti għad-domandi preliminari.

V. Konklużjoni

187. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi preliminari magħmula mill-Curtea de Apel Cluj (il-Qorti tal-Appell ta' Cluj, ir-Rumanija) tkun kif ġej:

1) L-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku)

   għandu jiġu interpretati fis-sens li fornitur ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jikkonsisti fit-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-utenti ta' suq online li fuqu jiġu ppubblikati, mingħajr ħlas jew bi ħlas, reklami jista' jibbenefika mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà, prevista f'din id-dispożizzjoni, anki meta huwa jindika, fit-termini u fil-kundizzjonijiet għall-użu tas-suq online tiegħu, li, għalkemm ma jeżiġix dritt għall-proprjetà fuq il-kontenut, huwa madankollu jżomm id-dritt li juża l-kontenut ipprovdut, imtella', imniżżel jew mibgħut, inkluż li jikkuppjah, li jqassmu, li jittrażmettih, li jippubblikah, li jirriproduċih, li jimmodifikah, li jittraduċih, li jittrasferih lil imsieħba u li jħassru fi kwalunkwe ħin, mingħajr lanqas ma jkun jeħtieġ raġuni sabiex jagħmel dan, bil-kundizzjoni li dan il-fornitur ma jiħux miżuri li jwasslu biex jitlef in-natura tiegħu ta' fornitur ta' servizzi ta' hosting newtrali.

[95] Ara l-punt 126 ta' dawn il-konklużjonijiet.

2) L-Artikolu 5(1)(f), l-Artikolu 6(1)(a) u l-Artikoli 7, 24 u 25 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*)

għandhom jiġu interpretati fis-sens li

fornitur ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li l-attività tiegħu tikkonsisti fil-hosting fuq sit internet ta' reklami mingħajr ħlas jew bi ħlas fuq talba tal-utenti tiegħu jaġixxi fil-kwalità ta' proċessur fir-rigward tad-data personali li tinsab fir-reklami li jittellgħu fuq is-suq online tiegħu. F'dan il-kuntest, huwa ma għandux jivverifika l-kontenut tar-reklami ippubblikati jew jimplimenta miżuri ta' sigurtà ta' natura li jipprekludu jew jillimitaw l-ikkupjar u d-distribuzzjoni mill-ġdid tal-kontenut tar-reklami ppubblikati permezz tiegħu. Madankollu, huwa għandu jimplimenta miżuri organizzattivi u tekniċi xierqa biex jiżgura s-sigurtà tal-ipproċessar fir-rigward ta' terzi. Min-naħa l-oħra, huwa jaġixxi fil-kwalità ta' kontrollur fir-rigward tad-data personali tal-utenti li jirreklamaw irreġistrati fuq is-sit internet tiegħu. F'dan il-kuntest, huwa għandu jivverifika l-identità ta' dawn l-utenti li jirreklamaw.